EUROPEAN CENTRE FOR DISEASE PREVENTION AND CONTROL



ECDC **CORPORATE**

# Sommarju tal-pubblikazzjonijiet ewlenin 2010

www.ecdc.europa.eu

**ECDC** CORPORATE

# Sommarju tal-pubblikazzjoniet ewlenin 2010

Ċitazzjoni ssuġġerita: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Sommarju tal-pubblikazzjonijiet ewlenin 2010. Stokkolma: ECDC; 2011.

Stokkolma, April 2011

© Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2011.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.

# Werrej

Introduzzjoni ..... v

Rapporti tekniċi ..... 1
1 Valutazzjoni tar-riskju dwar id-deni Q ..... 1
2 Is-Sorveljanza u l-prevenzjoni tal-epatite B u C fl-Ewropa ..... 3

Gwida tal-ECDC ..... 5
3 Il-ġestjoni tas-saħħa pubblika ta' każijiet sporadiċi ta' mard meninġokokkali invażiv u l-kuntatti tagħhom ..... 5
4 L-ittestjar għall-HIV: aktar użu u effikaċja fl-Unjoni Ewropea ..... 7

Rapporti ta' sorveljanza ..... 12
5 Is-sorveljanza tat-tuberkolożi 2008 ..... 12
6 Is-sorveljanza tal-influwenza fl-Ewropa 2008/09 – Mill-40 ġimgħa/2008 sad-39 ġimgħa/2009 ..... 14
7 Is-Sorveljanza ta' mard batterjali invażiv fl-Ewropa 2007 ..... 15
8 Rapport epidemjoloġiku annwali dwar il-mard li jittieħed fl-Ewropa 2010 ..... 17
9 Is-sorveljanza tar-reżistenza antimikrobjali fl-Ewropa 2009 ..... 23
10 Is-sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa 2009 ..... 25

Rapporti speċjali ..... 27
11 L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin dwar is-Sħubija għall-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali: rapport ta' progress 2010 ..... 27
12 Il-pandemija A(H1N1) tal-2009 fl-Ewropa – Reviżjoni tal-esperjenza ..... 30
13 Il-mixja lejn l-eliminazzjoni tat-TB – Segwitu tal-Pjan ta' Azzjoni Qafas għall-ġlieda kontra t-Tuberkolożi fl-Unjoni Ewropea ..... 32

Anness: Pubblikazzjonijiet tal-ECDC fl-2010 ..... 33
Rapporti tekniċi ..... 33
Gwida tal-ECDC ..... 33
Rapporti ta' sorveljanza ..... 33
Rapporti speċjali ..... 34
Rapporti ta' laqgħat ..... 34
Rapporti dwar il-missjoni ..... 34
dokumenti tekniċi ..... 34
Pubblikazzjonijiet korporattivi ..... 35
Pubblikazzjonijiet regolari ..... 35

# Introduzzjoni

Fl-2010, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ippubblika total ta' 35 dokument xjentifiku. L-aktar importanti jinkludu:

- *Annual epidemiological report on communicable diseases in Europe 2010*, ir-raba' edizzjoni tal-pubblikazzjoni annwali tal-ECDC li jinkludi sommarju komprensiv tad-dejta dwar is-sorveljanza fl-2008;
- *Tuberculosis surveillance in Europe 2008* u *HIV/AIDS surveillance in Europe 2009*, li t-tnejn ġew prodotti b'mod konġunt mal-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li jkopru d-dejta dwar is-sorveljanza taż-żewġ kundizzjonijiet fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) u taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), kif ukoll dik fit-23 pajjiż addizzjonali tar-reġjun tal-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa;
- *Implementing the Dublin Declaration on Partnership to Fight HIV/AIDS in Europe and Central Asia: 2010 Progress Report*, reviżjoni tal-progress li sar sal-2010, ibbażata fuq dejta minn 49 pajjiż.
- Is-sorveljanza tar-reżistenza antimikrobjali fl-Ewropa 2009. Rapport annwali tan-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobjali (EARS-Net), l-ewwel rapport annwali tal-EARS-Net wara t-tranżizzjoni tas-Sistema Ewropeja ta' Sorveljanza għar-Reżistenza Antimikrobjali (EARSS) għall-ECDC fl-1 ta' Jannar 2010, jipprovdi dejta ta' referenza Ewropea dwar ir-reżistenza antimikrobjali għal skopijiet ta' saħħa pubblika.
- *The 2009 A(H1N1) pandemic in Europe, a review of the experience*, ħarsa wiesgħa lejn l-epidemjoloġija u l-viroloġija tal-pandemija tal-2009 fil-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE.

Ġew ikkompilati sommarji ta' dokumenti magħżula tal-ECDC, bħal dawk imsemmija hawn fuq, sabiex ikunu disponibbli għal min ifassal il-politika fil-lingwi kollha tal-UE, flimkien mal-Iżlandiż u n-Norveġiż. Dawn jirriflettu l-ispirtu tal-pubblikazzjonijiet oriġinali, iżda xi dettalji importanti jista' jkun li ntilfu fil-proċess tat-tqassir. Dawk il-qarrejja li jixtiequ li jkollhom stampa aktar dettaljata għandhom jikkonsultaw it-test sħiħ tad-dokumenti, li huma disponibbli online fuq: www.ecdc.europa.eu.

Lista tal-pubblikazzjonijiet kollha tal-ECDC fl-2010 tinsab fl-Anness. Kollha huma disponibbli fil-format elettroniku mil-link ta' hawn fuq, b'deskrizzjoni qasira tal-kontenut rispettiv. Xi rapporti magħżula huma disponibbli wkoll f'format stampat. Biex tirċievi xi wieħed minnhom f'kopja stampata, jekk jogħġbok ibgħat email lil publications@ecdc.europa.eu.

# Rapporti teknići

## 1 Valutazzjoni tar-riskju dwar id-deni Q

(Ippubblikat f'Mejju 2010)

Saret **valutazzjoni tar-riskju** fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu vvalutati xi mistoqsijiet dwar id-deni Q u t-trasmissjoni tiegħu permezz tad-demm, l-impatt tad-deni Q kroniku fuq is-saħħa u r-riskji għan-nisa tqal. B'referenza għat-tifqigħ kontinwu fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-ECDC intalab ukoll jindirizza l-kwistjoni tat-tixrid transkonfinali u l-ħtieġa ta' sistemi aqwa ta' sorveljanza. Il-valutazzjoni tar-riskju saret skont il-prinċipji ta' metodoloġiji bbażati fuq il-provi, billi ġew definiti t-termini ta' tiftix għal kull mistoqsija, il-kriterji ta' inklużjoni u esklużjoni għal studji identifikati u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-provi. Reviżjoni tal-aħjar provi disponibbli ġiet ippreżentata lil, u diskussa flimkien ma', penil ta' esperti magħmul minn rappreżentanti mill-Pajjiżi l-Baxxi, Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti. Il-ħidma saret fl-istess ħin ta', u f'koordinazzjoni ma', valutazzjoni tar-riskju dwar id-deni Q mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

**Id-deni Q akut** huwa marda tipikament ħafifa, li tillimita lil dak li jkun u li tixbaħ lill-influwenza, iżda li xi drabi jitfaċċa bil-pulmonite, l-epatite u sintomi oħrajn. Normalment jista' jiġi kkurat b'suċċess b'kors ta' ġimgħatejn ta' doxycycline.

*Coxiella burnetii* huwa batterju intraċellulari ristrett li jista' jiġi trasmess permezz tad-**demm u t-tessuti**. Ir-riskju ta' trasmissjoni bħal din huwa baxx, u hemm każ dokumentat wieħed biss fil-letteratura. Waqt tifqigħa, għandha tiġi stabbilita ż-żona endemika u jiġu kkunsidrati prekawzjonijiet ta' sigurtà, bħal sorveljanza attiva fost dawk li jirċievu d-demm u t-tessuti, l-iskrining tad-donaturi, u l-iskrining ta' prodotti tad-demm u tat-tessuti. Fil-każ ta' vjaġġaturi li jkunu ġejjin lura miż-żona fil-perjodu sakemm iddum l-inkubazzjoni u b'batterimja mingħajr sintomi (ħames sa seba' ġimgħat), wieħed jista' jikkunsidra li jipposponi l-għoti ta' demm sakemm jgħaddi dan il-perjodu. Jista' jiġi kkunsidrat kors ta' antibijotiċi għal dawk li jirċievu d-demm u li jkunu f'riskju partikolarment għoli, bħal pazjenti b'difetti fil-valvoli tal-qalb. Id-donaturi li kellhom infezzjoni akuta ta' deni Q m'għandhomx jagħtu demm għal sentejn wara d-data ta' fejqan ikkonfermat mill-infezzjoni akuta. Il-benefiċċji tal-implimentazzjoni ta' miżuri bħal dawn għandhom jiġu kkunsidrati sew fid-dawl tal-impatt negattiv li jistgħu jkollhom fuq il-provvista ta' demm f'dik iż-żona. Għandha tiġi żviluppata strateġija għall-komunikazzjoni tar-riskju.

**Id-deni Q kroniku** huwa kumplikazzjoni serja ta' infezzjoni akuta ta' deni Q li tiżviluppa f'madwar 2% tal-każijiet akuti bis-sintomi, u r-rata ta' fatalità tista' tvarja bejn 5% sa 50%. Id-deni Q kroniku jikkawża l-endokardite fil-gruppi f'riskju bħal persuni b'mard preċedenti tal-valvoli tal-qalb, b'valvola prostetika jew bi trapjant vaskulari. Il-pazjenti bil-kanċer jew dawk li m'għandhomx immunità huma ukoll f'riskju akbar. Id-deni Q kroniku għandu jiġi ttrattat għal mill-inqas sena, f'ċerti każijiet tul il-ħajja b'aktar minn antibijotiku wieħed. Tista' tkun meħtieġa s-sostituzzjoni kirurġika ta' valvoli tal-qalb li jġarrbu l-ħsara.

Is-sejbien u t-trattament effettivi tad-deni Q akut huma l-aħjar strateġija biex jiġu evitati l-każijiet kroniċi. Tliet strateġiji possibbli huma deskritti: (1) iż-żieda fl-għarfien fost il-persunal tal-kura tas-saħħa u fost il-pubbliku biex jiġu indirizzati l-gruppi f'riskju; (2) segwitu attiv b'seroloġija għall-gruppi f'riskju magħrufa sabiex l-infezzjoni akuta ta' deni Q tinstab u tiġi ttrattata minn kmieni; (3) il-pazjenti kollha magħrufa li għandhom deni Q akut għandhom jiġu rriferuti għall-ekokardjografija għas-sejbien u għas-segwitu attiv tal-każijiet.

Jeħtieġ li jinbdew studji koorti bi prospettivi tajbin u provi kkontrollati (fejn tippermetti l-etika) sabiex jinkisbu aktar provi sodi dwar kif jistgħu jiġu evitati u mrażżna t-tifqigħat ta' deni Q fil-qasam tas-saħħa pubblika, u dwar kif il-marda akuta u kronika tista' tiġi ddijanjostikata u ttrattata fil-livell kliniku.

L-evidenza dwar **id-deni Q fit-tqala** hija limitata ħafna u ġejja l-aktar minn osservazzjonijiet u riċerka fuq annimali domestiċi u sperimentali, studji dwar is-seroprevalenza, rapporti ta' każijiet, u sensiela ta' każ wieħed li kien jinkludi 53 mara tqila fuq perjodu ta' 15-il sena. Ir-riskju għan-nisa tqal tar-riżultati ta' deni Q sever meta mqabbel mar-riskju għall-popolazzjoni (ta' nisa) ġenerali ma jistax ikun ikkwantifikat abbażi tal-provi disponibbli fil-preżent. Ġew irrapportati bosta każijiet ta' infezzjoni ta' *Coxiella burnetii* waqt it-tqala li kkawżat eżiti avversi fit-tqala. F'xi wħud mill-każijiet il-*Coxiella burnetii* instabet fil-plaċenta u fit-tessut tal-fetu. Il-*Coxiella* ġiet identifikata ukoll fil-ħalib tas-sider tal-omm iżda ma ġie vvalidat l-ebda każ ta' trasmissjoni għat-tarbija waqt it-treddigħ.

Hemm indikazzjoni żgħira li l-kura bl-antibijotiċi fit-tul b'cotrimoxazole tista' tipprevjeni l-eżiti severi fit-tqala, iżda l-evidenza hija bbażata fuq sensiela ta' każijiet mingħajr fortuwità u mingħajr il-kontroll ta' preġudizzji potenzjali. Sakemm ma tkunx disponibbli aktar evidenza minn studji dwar trattamenti ta' kwalità għolja, in-nisa tqal li jinstabu li jkollhom infezzjoni ta' deni Q għandhom jiġu kkurati bl-antibijotiċi għall-bqija tat-tqala tagħhom. Madankollu, il-bażi xjentifika għal din ir-rakkomandazzjoni hija dgħajfa, u l-ECDC jirrakkomanda bis-sħiħ li jsiru provi kkontrollati u fortuwiti biex jinkisbu aktar provi affidabbli.

In-nisa tqal għandhom jingħataw il-parir li ma jżurux irziezet fiż-żoni affettwati. L-ECDC ma jwissix kontra t-treddigħ ħlief f'każijiet ta' mard kroniku li jeħtieġ it-trattament fit-tul tal-omm.

Fl-Awstralja jiġi prodott **vaċċin** illiċenzjat **kontra d-deni Q** ta' ċellola sħiħa mhux attivata bil-formaline. Il-vaċċin huwa effettiv, iżda jeħtieġ li jsiru testijiet qabel it-tilqim minħabba r-reattoġeniċità għolja f'persuni li qabel kienu infettati bil-*Coxiella burnetii*, li jagħmel il-vaċċin aktar adattat għall-gruppi f'riskju stabbiliti milli għat-tilqim ġenerali.

L-evidenza disponibbli tindika medda effettiva ta' **tixrid fl-arja** ta' *Coxiella burnetii* ta' inqas minn 5 km. Ir-riskju ta' tixrid fl-arja mill-Pajjiżi l-Baxxi għaldaqstant huwa limitat għall-pajjiżi ġirien (jiġifieri l-Ġermanja, il-Belġju), u għal żoni li jkunu qrib is-sorsi tat-tifqigħa. Is-sorveljanza attiva jew is-sejba ta' każijiet ta' deni Q akut fi gruppi f'riskju possibbli (jiġifieri nisa tqal, pazjenti b'mard fil-valvoli tal-qalb jew mard vaskulari) fuq livell lokali għal perjodu ta' żmien definit hija rrappurtata possibbli u hija metodu effiċjenti għas-sejbien ta' infezzjonijiet akuti. F'żoni biswit dawk epidemiċi (≤ 5 km mis-sors), għandhom jitniedu kampanji ta' għarfien fost dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa. Jekk iż-żona taffettwa ukoll Stati Membri oħrajn, l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika responsabbli għandhom jinfurmaw lill-kollegi ġirien tagħhom. Il-qsim ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u dawk veterinarji jiffaċilita r-rikonoxximent bikri ta' xi tifqigħa. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tas-saħħa u dawk veterinarji fil-livelli nazzjonali u lokali għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex iwaqqfu xi tifqigħa.

# 2 Is-Sorveljanza u l-prevenzjoni tal-epatite B u C fl-Ewropa

(Ippubblikat f'Ottubru 2010)

## Ambitu

Dan l-istħarriġ sar għall-immappjar tas-sistemi ta' sorveljanza nazzjonali eżistenti u tal-programmi ta' prevenzjoni għall-epatite B u C fl-UE/ŻEE.

## Epatite B

### *Is-sorveljanza fl-Ewropa*

Il-pajjiżi kollha indikaw li jżommu sistema passiva ta' rappurtar obbligatorju għall-epatite B. Fi 15-il pajjiż kien hemm sistema waħda speċifika ta' sorveljanza, filwaqt li erba' pajjiżi kellhom diversi sistemi ta' sorveljanza. L-għanijiet ta' sorveljanza nazzjonali jixxiebħu ħafna f'diversi pajjiżi iżda d-definizzjoni tal-każijiet ma kinitx dejjem konformi mal-għanijiet; tmien pajjiżi indikaw li implimentaw id-definizzjoni tal-każijiet tal-UE-2008, u tlieta kienu qegħdin jużaw id-definizzjoni tal-każijiet tal-UE-2002. B'kollox, 21 pajjiż kienu qegħdin jużaw definizzjoni tal-każijiet li kienet tixbaħ ferm id-definizzjoni tal-UE. Abbażi tad-diversi definizzjonijiet tal-każijiet, 28 pajjiż irrappurtaw każijiet ikkonfermati, u 27 inkludew każijiet ta' epatite B akuta. Każijiet kroniċi huma inklużi fir-rapport ta' 17-il pajjiż; il-każijiet mingħajr sintomi spiss tħallew barra. Sitta u għoxrin pajjiż irrappurtaw li ġabru dejta bbażata fuq il-każijiet fil-livell nazzjonali, iżda l-frekwenza tal-analiżi tvarja bejn il-pajjiżi. F'26 pajjiż jinġabar sett ta' dejta bażika (età, sess, post ta' residenza, data ta' meta feġġet il-marda, data tar-rappurtar), iżda spiss hemm nuqqas ta' dejta dettaljata dwar ir-riskju ta' epidemija u l-impatt tal-marda.

### *L-epidemjoloġija fl-Ewropa*

L-għadd ta' rapporti ġodda ta' każijiet għal kull 100 000 popolazzjoni fl-2007 kif irrappurtat minn 27 pajjiż ivarja minn 0 sa 15.0, b'medja ta' 1.5 (Rapport epidemjoloġiku annwali dwar il-mard li jittieħed fl-Ewropa 2009. Stokkolma: ECDC; 2009). L-għadd ta' każijiet irrappurtati ta' HBV fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE għal kull 100 000 popolazzjoni naqas minn 6.7 għal 1.5 bejn l-1995 u l-2007. L-intraċċar tat-tendenzi u t-tqabbil bejn il-pajjiżi huma diffiċli, minħabba li s-sistemi ta' sorveljanza jvarjaw b'mod konsiderevoli u l-bidliet reċenti jistgħu jaffettwaw id-dejta ppreżentata.

Il-prevalenza tal-HBV fil-popolazzjoni ġenerali tvarja ferm bejn il-pajjiżi b'rati baxxi sa medji ta' trasportaturi ta' HBsAg fis-Slovakkja (1.6%), l-Italja (1%), il-Belġju u Franza (madwar 0.6 %), il-Finlandja, l-Ungerija, ir-Renju Unit (kollha taħt iż-0.5%), u l-Bulgarija (3.8%). L-iskrining għall-HBV fin-nisa tqal isir f'24 pajjiż, iżda mhux fil-Belġju, fil-Bulgarija, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu u fir-Rumanija. Il-prevalenza fin-nisa tqal tvarja bejn il-1.15% fil-Greċja u 0.14% fil-Finlandja. Hemm ukoll programmi ta' skrining għal dawk li jieħdu d-droga bis-siringa (IDU) (15 minn 29 pajjiż), il-priġunieri (11-il pajjiż), dawk li jattendu l-kliniċi tal-STI (disa' pajjiżi), u l-persuni li jkollhom diversi msieħba sesswali (żewġ pajjiżi). Il-prevalenza tal-HBV fl-IDU irrappurtata minn tmien pajjiżi kienet ogħla milli fil-popolazzjoni ġenerali. Il-prevalenza fl-IDU tvarja ferm, bejn 0.5% fin-Norveġja u 50% fid-Danimarka. Il-prevalenza fost il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fid-Danimarka u fil-Ġermanja instabet li hija simili għal dik fost il-popolazzjoni ġenerali.

### *L-iskrining u t-tilqim*

Programmi ta' tilqim universali għat-trabi, tfal jew adolexxenti ġew implimentati fi 22 pajjiż. Seba' pajjiżi (id-Danimarka, il-Finlandja, l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvezja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit) implimentaw programmi ta' tilqim selettivi mmirati għal gruppi fir-riskju. Programmi ta' prevenzjoni oħrajn għal gruppi differenti f'riskju kienu normalment immirati lejn dawk f'riskju akbar għall-HBV minħabba espożizzjoni fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, hemm varjazzjoni wiesgħa ta' programmi ta' tilqim għall-gruppi fir-riskju. Nofs il-pajjiżi biss bi programm ta' tilqim ta' rutina indikaw rati ta' kopertura eteroġenja, iżda r-rata ta' kopertura fit-trabi (minn sena sa sentejn) tidher li hija ogħla minn 95% (ħlief fl-Awstrija, f'Malta, u fi Franza).

## Epatite C

### *Is-sorveljanza fl-Ewropa*

Il-pajjiżi kollha tal-UE/ŻEE indikaw li implimentaw sistema ta' rappurtar għall-epatite C (kemm nazzjonali kif ukoll immirata lejn popolazzjoni speċifika). F'14-il pajjiż kien hemm sistema ta' sorveljanza speċifika waħda, iżda 15-il pajjiż indikaw li jużaw diversi sistemi ta' sorveljanza sabiex jimmonitorjaw l-epatite C. L-għanijiet nazzjonali ta' sorveljanza huma simili ħafna bejn il-pajjiżi iżda jidher li d-definizzjonijiet tal-każijiet ma kinux dejjem konformi mal-għanijiet. Ħdax-il pajjiż indikaw li implimentaw id-definizzjoni tal-każijiet tal-UE-2008, u erba' pajjiżi applikaw id-definizzjoni tal-każijiet tal-UE-2002. Minkejja dan, hemm varjetà wiesgħa fl-implimentazzjoni ta' definizzjonijiet

tal-każijiet fl-Istati Membri, speċjalment fil-klassifikazzjoni tal-każijiet. Il-pajjiżi kollha inkludew każijiet akuti kkonfermati fis-sistemi ta' sorveljanza tagħhom[1], u 18-il pajjiż inkludew każijiet kroniċi. Xi pajjiżi indikaw li ġabru taħlita ta' każijiet, u ma kienx hemm indikaturi seroloġiċi disponibbli sabiex issir distinzjoni bejn l-epatite C akuta u dik kronika. Dan ifixkel l-interpretazzjoni tad-dejta disponibbli fil-pajjiżi. Sitta u għoxrin pajjiż irrappurtaw li jiġbru dejta bbażata fuq il-każijiet fil-livell nazzjonali, iżda l-frekwenza tal-analiżi tvarja bejn il-pajjiżi. Minbarra r-rappurtar mill-kliniċi, 19-il pajjiż jiġbru dejta mil-laboratorji bħala parti mis-sistema ta' sorveljanza tagħhom; 10 pajjiżi ma inkludewx ir-rappurtar mil-laboratorji.  F'26 pajjiż jinġabar sett ta' dejta bażika (età, sess, post ta' residenza, data ta' meta feġġet il-marda, data tar-rappurtar), iżda spiss hemm nuqqas ta' dejta dettaljata dwar ir-riskju ta' epidemija u l-impatt tal-marda. In-nuqqas ta' rappurtar jidher li huwa komuni, minħabba l-karatteristika ta' nuqqas ta' sintomi tal-marda.

### *Epidemjoloġija fl-Ewropa*

L-għadd ta' rapporti ġodda ta' każijiet għal kull 100 000 popolazzjoni fl-2007, kif irrappurtat minn 27 pajjiż, ivarja bejn 0 u 36, b'inċidenza medja ta' 6.9 każijiet għal kull 100 000 (AER, ECDC 2009). L-għadd ta' każijiet ta' HCV irrappurtati fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE għal kull 100 000 popolazzjoni żdied minn 4.5 għal 6.9 bejn l-1995 u l-2007. L-immarkar tat-tendenzi u t-tqabbil tad-dejta bejn il-pajjiżi huma diffiċli u jeħtieġu li jsiru b'kawtela, minħabba li s-sistemi ta' sorveljanza jvarjaw b'mod konsiderevoli u l-bidliet reċenti jistgħu jaffettwaw id-dejta ppreżentata. Fil-każ tal-HCV, l-interpretazzjoni tkompli tiġi mfixkla minħabba n-natura mingħajr sintomi tal-infezzjoni biex b'hekk in-numri rrappurtati jistgħu jirriflettu l-prattiki tal-ittestjar minflok l-inċidenza vera u minħabba li ma tistax issir distinzjoni bejn il-marda akuta u dik kronika.

Id-dejta ta' prevalenza dwar l-HCV għall-popolazzjoni ġenerali hija pjuttost skarsa; il-prevalenza tvarja minn 2.6% fl-Italja fl-2007 għal 0.12% fil-Belġju fl-2003. Prevalenza relattivament għolja ġiet irrappurtata mill-Bulgarija (1.2%) u s-Slovakkja (1.56%). Ħdax-il Stat Membru rrapportaw dejta ta' prevalenza fl-IDU li tvarja minn 25% sa 75%. Fl-2006–07, l-Italja rrappurtat l-inqas prevalenza (10.8%–25.6%) u n-Norveġja l-ogħla (70%). Id-dejta ta' prevalenza tal-HCV hija bbażata fuq indikaturi seroloġiċi għall-epatite C, iżda dan ma jindikax liema parti tal-popolazzjoni hija trasportatur u għalhekk infettiva.

### *Il-prevenzjoni fl-Ewropa*

Nofs il-pajjiżi indikaw li implimentaw programmi ta' skrining għall-gruppi fir-riskju: 16-il pajjiż għandhom programmi għall-IDUs, 11 għall-priġunieri. Għadu mhux ċar jekk bosta pajjiżi implimentawx programmi sabiex jimmonitorjaw ir-rata ta' infezzjoni fil-ħaddiema tal-kura tas-saħħa. Jidher li hemm ħtieġa ta' aktar programmi ta' skrining għall-gruppi f'riskju, il-popolazzjonijiet li diffiċilment jintlaħqu, u l-popolazzjoni ġenerali, iżda qabel ma tiġi implimentata kwalunkwe miżura jeħtieġ li ssir investigazzjoni bir-reqqa, ibbażata fuq analiżi tal-effettività fl-infiq u d-disponibbiltà ta' trattament effettiv.

## Konklużjoni

Dan ir-rapport ġabar u analizza dejta minn 29 pajjiż tal-UE/ŻEE dwar il-programmi ta' sorveljanza u ta' prevenzjoni tal-epatite B u C. Għalkemm il-pajjiżi kollha għandhom sistemi fis-seħħ li jiġbru dejta fil-livell nazzjonali, dawn is-sistemi jvarjaw fil-mod kif japplikaw id-definizzjonijiet tal-każijiet u jagħmlu użu mid-dejta miġbura.

Minħabba li l-epatite virali hija marda frekwenti u spiss ma tiġix irrappurtata, dan ir-rapport jipprova jiġbor fil-qasir l-aħħar dejta ta' prevalenza disponibbli fil-livell tal-UE. L-armonizzazzjoni tad-dejta ta' sorveljanza disponibbli sabiex jitjieb it-tqabbil tad-dejta fost il-pajjiżi sejra tkun sfida kbira fis-snin li ġejjin.

[1] Każijiet akuti kkonfermati ta' epatite C fi Franza kienu mistħarrġa biss fl-2006 u fl-2007 u għal popolazzjoni speċifika, eż. l-irġiel infettati bl-HIV li jkollhom x'jaqsmu ma' rġiel oħra.

# Gwida tal-ECDC

## 3 Il-ġestjoni tas-saħħa pubblika ta' każijiet sporadiċi ta' mard meninġokokkali invażiv u l-kuntatti tagħhom

(Ippubblikat f'Ottubru 2010)

*Neisseria meningitidis* huwa batterju komuni li jikber u jgħix ma' organiżmi oħrajn tal-mukusa farinġeali fil-bniedem. Dan l-organiżmu jista' jikkawża mard meninġokokkali invażiv sever (IMD) li normalment jippreżenta ruħu bħala meninġite, settiċemija jew it-tnejn. Sfortunatament, il-ġestjoni tas-saħħa pubblika ta' IMD sporadiku tvarja ferm fl-Ewropa u dan jista' jkun parzjalment attribwit għan-nuqqas ta' ċertezza li teżisti rigward l-effikaċja tal-miżuri preventivi.

L-għan ta' dan id-dokument huwa li tingħata gwida bbażata fuq l-evidenza għall-prattika tajba fil-ġestjoni tas-saħħa pubblika ta' każijiet sporadiċi ta' mard meninġokokkali u l-kuntatti tagħhom. Għandu ukoll l-għan li jgħin lill-pajjiżi tal-Ewropa jieħdu deċiżjonijiet dwar miżuri xierqa għall-kontroll u l-prevenzjoni ta' mard meninġokokkali fil-livelli nazzjonali u sub-nazzjonali. Dan id-dokument ta' gwida għandu jgħin lill-pajjiżi Ewropej jirrevedu l-politiki tagħhom dwar il-ġestjoni tas-saħħa pubblika u d-dijanjożi mikrobijoloġika tal-mard meninġokokkali. Għalkemm ir-riżultati ppreżentati hawnhekk ma jinkludux gwida għall-ġestjoni ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa esposti u lanqas ta' tifqigħat fil-komunità, huwa ser ikopri l-oqsma rilevanti li ġejjin:

- Testijiet tal-laboratorju għall-konferma tad-dijanjożi ta' IMD.
- L-użu ta' antibijotiċi wara l-ħruġ mill-isptar.
- Kemoprofilassi għall-kuntatti mill-qrib skont l-isfondi differenti.
- L-għażla ta' antibijotiku għall-kemoprofilassi għal gruppi differenti (adulti, tfal, nisa tqal).
- L-użu ta' vaċċin meninġokokkali minbarra l-kemoprofilassi.

Minbarra l-kwalità tal-evidenza xjentifika, il-konklużjonijiet jikkunsidraw il-benefiċċju u l-ħsara potenzjali, il-valuri, il-piżijiet u l-ispejjeż.

### Riżultati

Il-konklużjonijiet huma bbażati fuq ir-reviżjoni sistematika u l-valutazzjoni kritika tal-aħjar evidenza disponibbli fil-preżent. Għal ħarsa aktar komprensiva, jekk jogħġbok irreferi għat-test ewlieni tad-dokument.

**1. Liema testijiet tal-laboratorju huma mħeġġa li jsiru sabiex issir dijanjożi eżatta (sensittiva, speċifika) u rapida tal-IMD?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: Liema huma l-aktar testijiet tal-laboratorju sensittivi u speċifiċi li jikkonfermaw id-dijanjożi tal-IMD?

- Skont evidenza ta' kwalità moderata, ir-reazzjoni tal-katina tal-polymerase (*polymerase chain reaction* - PCR) u l-koltivazzjoni għandhom ikunu t-testijiet dijanjostiċi ta' preferenza. Jekk ikun loġistikament u ekonomikament fattibbli, il-laboratorji mikrobijoloġiċi li jagħmlu d-dijanjożi ta' mard meninġokokkali għandhom ikollhom aċċess għall-ittestjar tal-PCR. F'każijiet fejn it-trattament kontra l-mikrobu jkun diġà beda, l-ittestjar tal-PCR tal-bijopsija/teħid tal-ġilda bħala kampjun addizzjonali għad-demm/fluwidu ċerebrospinali (CSF) jista' jżid —skont evidenza ta' kwalità baxxa—is-sensittività tad-dijanjożi f'pazjenti b'feriti fil-ġilda.

**2. Għandhom jingħataw antibijotiċi, minbarra dawk użati fit-trattament kliniku, f'każ ta' IMD meta l-pazjent joħroġ mill-isptar?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: L-għoti ta' antibijotiċi għat-tneħħija tat-trasportazzjoni lil każ ta' IMD huwa effettiv sabiex jiġu evitati każijiet sekondarji meta l-pazjent joħroġ mill-isptar, meta mqabbel mal-ebda antibijotiku mal-ħruġ mill-isptar?

- Il-kwalità tal-evidenza favur jew kontra l-għoti ta' antibijotiċi lil xi każ ta' IMD meta l-pazjent joħroġ mill-isptar hija baxxa ħafna. Madankollu, minħabba l-evidenza ta' kwalità moderata dwar l-effikaċja tal-kemoprofilassi meta mogħtija lill-kuntatti mill-qrib, u minħabba l-ispiża relattivament baxxa tal-intervent, l-antibijotiċi li jeliminaw it-trasportazzjoni għandhom jiġu offruti diment li ma jkunux diġà jintużaw fit-trattament.

**3. Għandha tingħata l-kemoprofilassi lil persuni li jkunu għexu fl-istess dar jew li kellhom kuntatt simili ma' każ ta' IMD?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: X'inhi l-effikaċja tal-kemoprofilassi mogħtija lil dawk li kellhom kuntatt fid-dar ma' każ ta' IMD fil-prevenzjoni ta' aktar każijiet fost dawk il-kuntatti?

- Skont evidenza ta' kwalità moderata minn studji ta' osservazzjoni, il-kuntatti fid-dar ta' każ ta' IMD għandhom jiġu offruti l-kemoprofilassi bi programm ta' antibijotiċi li jelimina t-trasportazzjoni.

**4. Il-kemoprofilassi għandha tingħata lil tfal jew studenti li jattendu l-istess kindergarten, skola jew kulleġġ ta' każ ta' IMD?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: X'inhi l-effikaċja tal-kemoprofilassi mogħtija lill-kuntatti ta' każ ta' IMD fl-ambjenti tal-kindergarten, l-iskola u l-kulleġġ fil-prevenzjoni ta' każijiet oħrajn?

- Skont evidenza ta' kwalità baxxa, dawk li jattendu l-istess kindergarten ta' każ ta' IMD għandhom jiġu offruti l-kemoprofilassi, skont il-valutazzjoni tar-riskju. L-attendenza fl-istess skola/kulleġġ ta' każ ta' IMD fiha nfisha m'għandhiex tkun indikazzjoni għall-kemoprofilassi.

**5. Il-kemoprofilassi għandha tingħata lil nies li jkunu xorbu mill-istess kontenitur ta' każ ta' IMD?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: X'inhi l-effikaċja tal-kemoprofilassi mogħtija lil dawk li jkunu xorbu mill-istess kontenitur (jew kellhom kuntatt simili, eż., pejpu l-istess sigarett, użaw l-istess pożati tal-ikel) ta' każ ta' IMD fil-prevenzjoni ta' aktar każijiet fost dawk il-kuntatti?

- Skont evidenza ta' kwalità baxxa, il-qsim ta' xorb, sigaretti jew kuntatt simili ma' każ ta' IMD m'għandux, fih innifsu, ikun indikazzjoni għall-kemoprofilassi.

**6. Il-kemoprofilassi għandha tingħata lil nies li jużaw l-istess mezz ta' trasport ( eż., ajruplan, dgħajsa, xarabank, karozza) bħal każ ta' IMD?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: X'inhi l-effikaċja tal-kemoprofilassi mogħtija lil kuntatti li użaw l-istess mezz ta' trasport bħal xi każ ta' IMD fil-prevenzjoni ta' aktar każijiet fost dawk il-kuntatti?

- L-evidenza disponibbli fil-preżent hija ta' kwalità baxxa ħafna. Skont din l-evidenza, ir-riskju tat-trasmissjoni f'ambjenti differenti ta' trasport ma jistax jiġi kkwantifikat. Ma ġie kkonfermat l-ebda każ sekondarju f'dan l-isfond. L-użu tal-istess mezz ta' trasport bħal każ ta' IMD għaldaqstant m'għandux, fih innifsu, ikun indikazzjoni għall-kemoprofilassi.

**7. Liema programm ta' antibijotiċi għandu jiġi rrakkomandat għall-kemoprofilassi fost l-adulti, it-tfal u n-nisa tqal?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: Liema programmi ta' antibijotiċi huma l-aktar effettivi fl-eliminazzjoni tat-trasportazzjoni fost l-adulti, it-tfal u n-nisa tqal?

- Skont evidenza ta' kwalità moderata sa għolja, rifampicin, ciprofloxacin, ceftriaxone, azithromycin u cefixime jistgħu jintużaw għall-profilassi fl-adulti u fit-tfal. L-ebda programm ma jidher li huwa aqwa mill-oħrajn, iżda ciprofloxacin, azithromycin u ceftriaxone jistgħu jingħataw f'doża singola. Ġie rrappurtat l-iżvilupp tar-reżistenza wara l-użu ta' rifampicin.

**8. Il-kuntatti ta' każ ta' IMD li jirċievu l-kemoprofilassi għandhom jiġu offruti ukoll vaċċin meninġokokkali, jekk ikun xieraq?**

Il-mistoqsija tar-riċerka: X'inhi l-effikaċja tat-tilqim, minbarra l-kemoprofilassi, fost il-kuntatti fid-dar ta' każ ta' IMD fil-prevenzjoni ta' aktar każijiet fost dawk il-kuntatti?

- Il-kwalità tal-evidenza disponibbli fil-preżent hija baxxa ħafna u l-konklużjonijiet li ġejjin huma bbażati fuq evidenza mhux diretta. Jekk każ ta' mard meninġokokkali jkun ikkawżat minn razza li tista' tiġi evitata permezz ta' vaċċin liċenzjat disponibbli, it-tilqim minbarra l-kemoprofilassi għandu jiġi offrut lill-kuntatti fid-dar sakemm ma jitqisux diġà immuni.

# 4 L-ittestjar għall-HIV: aktar użu u effikaċja fl-Unjoni Ewropea

(Ippubblikat f'Ottubru 2010)

## Ambitu u għan ta' din il-gwida

Din il-gwida bbażata fuq l-evidenza hija mfassla sabiex tinforma l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' strateġiji jew programmi nazzjonali għall-ittestjar tal-HIV fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) u ż-Żona Ekonomika Ewropea (EEA).

### *Għalfejn huwa importanti li jsiru testijiet għall-HIV?*

Fl-Ewropa l-għadd ta' persuni infettati bl-HIV qed ikompli jikber u l-problema ta' dewmien fid-dijanjożi ġiet deskritta minn bosta pajjiżi. Hemm evidenza qawwija li t-trattament bikri jnaqqas il-morbidità u l-mortalità iżda bosta persuni bl-HIV jibqgħu ma jiġux iddijanjostikati qabel ma l-infezzjoni tkun daħlet sew. Minħabba li l-infezzjoni tal-HIV tista' ma turi l-ebda sintomu għal bosta snin, l-ittestjar huwa l-uniku mod kif tinkiseb dijanjożi bikrija, li tippermetti r-riferiment bikri għat-trattament u l-kura. Il-persuni ddijanjostikati minn kmieni aktarx li jkollhom inqas possibbiltà li jittrasmettu l-virus lill-oħrajn kemm minħabba l-infettività aktar baxxa meta jiġu kkurati u l-bidliet fl-imġiba sesswali u fl-injettar tad-drogi. It-trasmissjoni mill-omm għat-tarbija tista' tiġi evitata b'mod effettiv permezz tal-ittestjar u t-trattament għall-HIV ta' nisa tqal. Id-dijanjożi bikrija tal-HIV għaldaqstant għandha benefiċċji kbar kemm għall-individwu kif ukoll għall-komunità u hija prijorità kritika tas-saħħa pubblika.

### *Prinċipji bażiċi għall-istrateġiji nazzjonali għall-ittestjar tal-HIV*

#### L-ittestjar għall-HIV għandu jkun volontarju, kunfidenzjali u magħmul b'kunsens infurmat

Għandu jkun hemm aċċess faċli għall-ittestjar volontarju għal kulħadd u jeħtieġ li jsiru sforzi partikolari biex dan ikun żgurat għall-gruppi li jinsabu l-aktar f'riskju u li huma vulnerabbli għall-HIV. Dawn jinkludu persuni li huma moħbija jew emarġinati mis-soċjetà, li għalihom l-aċċess għall-ittestjar għandu jkun inkoraġġut mingħajr sfurzar jew ksur tal-kunfidenzjalità.

#### L-iżgurar tal-aċċess għat-trattament, għall-kura u għas-servizzi tal-prevenzjoni

L-aktar benefiċċju kbir tal-ittestjar għall-HIV huwa l-aċċess għat-trattament. Il-provvediment ta' aċċess universali għat-trattament u għall-kura, għas-servizzi ta' prevenzjoni u ta' appoġġ, b'linji ċari ta' referenza, għandu jkun is-sies tal-istrateġiji nazzjonali tal-ittestjar għall-HIV.

#### Il-wirja ta' impenn politiku

Il-prijorità min-naħa tal-gvern hija meħtieġa għall-programm tal-ittestjar għall-HIV sabiex jinkiseb l-impatt. Din teħtieġ li jkollha appoġġ permezz ta' investiment finanzjarju, b'monitoraġġ sabiex ikun żgurat li l-fondi jintużaw b'mod ta' nfiq effettiv.

#### It-tnaqqis tal-istigma

L-istigma li għadha marbuta mal-HIV hija ostakolu għall-ittestjar, b'mod speċjali fost il-komunitajiet li huma stess huma stigmatizzati u fost il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa. In-'normalizzazzjoni' tal-ittestjar, eż. billi l-proċess isir simili għal dak ta' testijiet ta' skrining u testijiet dijanjostiċi oħrajn, tista' tgħin fil-ġlieda kontriha, għalkemm l-ittestjar għandu jibqa' volontarju.

#### It-tneħħija ta' ostakoli legali u finanzjarji

L-istrateġiji tal-ittestjar għandhom isibu mezzi sabiex jgħelbu n-nuqqas ta' inċentivi legali u finanzjarji għall-ittestjar. Dawn l-ostakoli jistgħu jinkludu politiki ta' prosekuzzjoni kriminali għat-trasmissjoni tal-HIV, u l-obbligu li wieħed iħallas għat-trattament meta dan ma jkunx jiflaħ għalih. Bl-eċċezzjoni tal-ittestjar obbligatorju ta' donazzjonijiet tad-demm u tat-tessuti għandhom jiġu kkunsidrati liġijiet u politiki kontra d-diskriminazzjoni għall-prevenzjoni ta' ttestjar obbligatorju għal kwalunkwe grupp fi kwalunkwe sfond.

#### L-aċċess għall-ittestjar għall-HIV isir parti integrali tal-istrateġiji nazzjonali

Kwalunkwe strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni u t-trattament tal-HIV, ta' infezzjonijiet oħrajn trasmessi b'mod sesswali (STIs), tal-epatite virali, tat-tuberkolożi u ta' mard ieħor li jindika l-HIV għandhom jinkludu l-ittestjar għall-HIV, b'miri xierqa, bħala element ewlieni. L-opportunitajiet biex jiżdied l-aċċess għal, u l-uża ta', ittestjar volontarju kunfidenzjali għall-HIV ukoll għandhom ikunu identifikati fi strateġiji nazzjonali rilevanti oħrajn, bħal dawk li jiffukaw fuq in-nisa tqal, l-użu tad-drogi, ix-xogħol sesswali jew il-kura tas-saħħa fil-ħabsijiet.

#### L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' ttestjar għall-HIV bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati

L-użu ta' informazzjoni disponibbli dwar l-HIV u kwistjonijiet relatati fil-livell nazzjonali u lokali sabiex ikun iċċarat x'jeħtieġ li jinkiseb u jingħata prijorità. Il-ġbir ta' dan f'sett ta' miri u għanijiet strateġiċi, biex kull minn ikun involut

u affettwat ikollu fehim konġunt. L-iżvilupp tal-istrateġija jeħtieġ il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha biex tinbena koalizzjoni madwar l-għanijiet kondiviżi, inklużi l-persuni li jgħixu bl-HIV, ir-rappreżentanti tal-komunitajiet l-aktar affettwati, is-soċjetà ċivili, l-aġenziji ta' prevenzjoni, il-professjonisti b'esperjenza fl-ittestjar għall-HIV u oħrajn li għandhom rwol fl-implimentazzjoni tal-istrateġija.

# L-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali għall-ittestjar għall-HIV

## Min għandu jkun ittestjat?

Ifhem l-epidemija u identifika l-aktar gruppi f'riskju. Approċċ nazzjonali effettiv lejn l-ittestjar għall-HIV jistrieħ fuq il-fehim tal-epidemija fil-livell lokali u nazzjonali. Il-programmi ta' ttestjar għandhom jimmiraw li jilħqu lil dawk f'riskju ta' infezzjoni u jagħtu prijorità lil dawk fl-akbar riskju.

Irrevedi d-dejta ta' sorveljanza u dejta oħra rilevanti, inkluża l-informazzjoni dwar HIV mhux iddijanjostikata u dijanjosi tardiva, sabiex tibni fehim dwar l-epidemija u t-tendenzi taż-żmien fil-livell reġjonali u nazzjonali. Xi gruppi huma speċjalment f'riskju għall-HIV, inklużi l-irġiel li jkollhom x'jaqsmu ma' rġiel oħra; dawk li jieħdu d-droga bis-siringi; il-migranti, speċjalment minn pajjiżi bi prevalenza ogħla; l-imsieħba sesswali tal-persuni f'dawn il-gruppi kollha; u t-tfal ta' ommijiet pożittivi għall-HIV. Dawn is-subpopolazzjonijiet u/jew ir-riskju tagħhom huma spiss moħbija u stigmatizzati. Ikun jeħtieġ li jsir stħarriġ speċjali biex tiskopri l-livelli ta' HIV f'dawn il-gruppi, ir-rati ta' ttestjar għall-HIV tagħhom, u l-għarfien, l-attitudnijiet u l-imġiba rilevanti sabiex tinforma lill-interventi biex b'hekk iżżid l-użu tal-ittestjar għall-HIV tagħhom.

Dejta supplimentari dwar STIs oħra, imġiba sesswali u l-injettar tad-drogi fil-popolazzjonijiet ġenerali, kif ukoll fi gruppi f'riskju ta' HIV, għandha ukoll tiġi riveduta.

## Fejn għandu jsir l-ittestjar?

### Ikkunsidra l-loġistika

Ippjana kif ser jiġi implimentat il-programm ta' ttestjar għall-HIV u indirizza l-problemi loġistiċi. Dawn jistgħu jinkludu kif titwassal is-sistema tal-kura tas-saħħa, jekk hemmx aċċess għal kura tas-saħħa bla ħlas, kemm huma ppreparati s-servizzi komunitarji, l-għoti ta' pariri u appoġġ, kif tassigura li l-metodi ta' kura huma fis-seħħ għall-aċċess għat-trattament tal-HIV, u kif tista' tassigura l-kunfidenzjalità.

### Agħmel l-ittestjar disponibbli f'diversi ambjenti

Uża l-għarfien dwar l-epidemija u l-gruppi f'riskju sabiex tagħmel deċiżjonijiet informati dwar fejn għandek toffri l-ittestjar għall-HIV. Ikkunsidra ukoll min fil-preżent qiegħed jaċċessa l-ittestjar għall-HIV u f'liema ambjenti. Minħabba d-diversità tal-ħtiġijiet u l-ostakoli għall-ittestjar, għandhom jiġu offruti firxa ta' servizzi sabiex toffri l-aqwa aċċess. Identifika l-azzjoni meħtieġa sabiex tistabbilixxi servizzi ġodda jew tibdel il-prattika fl-ambjenti eżistenti tal-kura tas-saħħa jew is-servizzi komunitarji. Ivvaluta jekk ir-regolamenti li jistgħu jaġixxu bħala ostakoli għall-ittestjar f'ambjenti komunitarji, inkluż l-użu ta' testijiet fejn jinsab il-pazjent jew l-obbligu li t-testijiet isiru biss minn professjonisti speċifiċi, jistgħux jiġu llaxkati xi ftit mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-ittestjar.

### Immira li toffri l-ittestjar għall-HIV

- Servizzi tal-ittestjar għall-HIV iddedikati, sabiex tipprovdi aċċess faċli u sigur għall-ittestjar għall-HIV waħdu jew ikkumbinat ma' testijiet oħrajn.
- Ambjenti fejn l-ittestjar għall-HIV għandu jiġi offrut universalment: is-servizzi għan-nies f'riskju (servizzi għall-STIs, servizzi għall-IDU); servizzi qabel it-twellid; servizzi għad-dijanjosi klinika u l-ġestjoni tal-kundizzjonijiet tal-indikaturi tal-HIV; u ambjenti oħrajn fejn il-prevalenza ta' HIV mhux iddijanjostikata hija magħrufa jew stmata li hija għolja.
- L-ambjenti l-oħrajn kollha tal-kura tas-saħħa, fejn in-nies għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-ittestjar jew fejn il-professjonisti għandhom ikunu lesti li joffruh u jkunu attenti għal meta jkun meħtieġ.
- Postijiet ta' ttestjar fil-komunità, inklużi servizzi ta' sensibilizzazzjoni, sabiex jintlaħqu persuni f'riskju għoli ta' HIV li jistgħu jkunu moħbija jew marġinalizzati u mhux f'kuntatt mas-servizzi tradizzjonali tal-kura tas-saħħa. Dawn is-servizzi għandhom ikunu stabbiliti bl-involviment tal-popolazzjonijiet fil-mira.

## Meta għandhom isiru t-testijiet?

### Ipprovdi gwida dwar il-frekwenza tal-ittestjar

Nies li għandhom imġiba kontinwa ta' riskju għandhom jingħataw parir li jagħmlu testijiet aktar spiss. Pereżempju, xi pajjiżi jirrakkomandaw li l-irġiel li jkollhom x'jaqsmu ma' rġiel oħra għandhom jagħmlu test kull sena jew aktar spiss skont l-imġiba sesswali. Il-gwida attwali miċ-Ċentru Ewropew għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Droga (*European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction* - EMCDDA) tirrakkomanda l-offerta regolari ta' testijiet lil dawk li jieħdu d-droga bis-siringi mill-inqas darba kull sitta sa 12-il xahar.

## Kif għandhom isiru t-testijiet?

### Kabbar l-għarfien pubbliku

Biex ifittex u jaċċetta l-ittestjar għall-HIV, il-pubbliku, u b'mod speċjali l-gruppi f'riskju ogħla għall-HIV, jeħtieġu li jifhmu l-benefiċċji tiegħu. Jeħtieġ approċċ strateġiku għall-komunikazzjoni, permezz ta' firxa wiesgħa ta' mezzi differenti. Appoġġ viżibbli u ta' livell għoli minn dawk li jiffurmaw l-opinjonijiet, inklużi l-politiċi, il-mexxejja tal-komunità u persuni popolari, u rappurtar preċiż ta' appoġġ mill-midja, jistgħu kollha jintużaw biex jiżdied l-għarfien.

### Żgura l-kunfidenzjalità

Il-kunfidenzjalità hija prinċipju fundamentali fil-kura tas-saħħa iżda minħabba l-istigma marbuta mal-HIV u l-imġiba li permezz tagħha jista' jiġi trasmess, hija ferm importanti fl-ittestjar għall-HIV. Il-gwidi professjonali rilevanti u r-rekwiżiti legali nazzjonali għandhom jiġu rrispettati. In-nuqqas ta' fiduċja jista' jaġixxi bħala ostakolu għall-aċċess għas-servizzi tal-ittestjar għall-HIV. Il-politiki ċari dwar il-kunfidenzjalità, u r-reklamar dwar il-politiki fl-ambjenti fejn jiġi pprovdut l-ittestjar, jistgħu jgħinu sabiex jingħeleb dan l-ostakolu. L-ittestjar għall-HIV għandu dejjem ikun offrut u diskuss fil-privat. L-għażla ta' ttestjar anonimu għandha tkun disponibbli.

### Żid l-għarfien professjonali u ħarreġ lill-ħaddiema

L-għarfien, il-kunfidenza u l-kompetenza tal-professjonisti li joffru l-ittestjar għall-HIV jistgħu jiżdiedu bit-taħriġ. L-ittestjar għall-HIV jista' jiġi offrut minn ħaddiem tal-kura tas-saħħa mħarreġ kif xieraq u ta' ħila, u l-espansjoni tal-ittestjar għall-HIV tkun teħtieġ aktar ħaddiema li jkunu konfidenti u kompetenti sabiex joffruh. B'taħriġ adattat u assigurazzjoni tal-kwalità, anki dawk li ma jkunux ħaddiema tal-kura tas-saħħa jistgħu joffru l-ittestjar għall-HIV. Il-membri tal-forza tax-xogħol jeħtieġu li jifhmu l-benefiċċji tal-ittestjar għall-HIV u jgħelbu l-ostakoli li jimpedixxu l-abbiltà u r-rieda li joffruh. Dawn jinkludu n-nuqqas ta' kunfidenza, diffikultajiet sabiex wieħed jitkellem dwar is-sess jew l-imġiba stigmatizzata, ansjetà dwar l-għoti ta' riżultat pożittiv u attitudnijiet diskriminatorji lejn persuni f'riskju li jieħdu jew li għandhom l-HIV.

### Diskussjoni qabel it-test

Diskussjoni qasira qabel it-test, li tkopri l-benefiċċji tal-ittestjar u l-arranġamenti prattiċi għat-teħid tat-test u l-għoti tar-riżultati, instabet li hija aċċettabbli u effettiva biex tgħin iżżid l-użu tal-ittestjar. L-għan ewlieni huwa li jiġi żgurat kunsens infurmat, li għandu jkun dokumentat iżda li m'għandux neċessarjament jinkludi kunsens bil-miktub iffirmat. Dan jikkonforma ma' investigazzjonijiet mediċi oħrajn u huwa parti min-normalizzazzjoni tal-ittestjar għall-HIV. Mhux meħtieġa storja dettaljata sesswali jew tal-injezzjonijiet qabel wieħed isirlu t-test għall-HIV. Madankollu, f'każ ta' ċerti individwi, jew f'ambjenti fejn is-saħħa sesswali u/jew l-użu tad-droga huwa fl-ambitu tas-servizz, tista' tkun meħtieġa valutazzjoni qasira tar-riskju jew konsulenza aktar estensiva qabel it-test, eż. f'każ ta' espożizzjoni kontinwa għar-riskju. Dan għandu jkun dejjem disponibbli u l-persunal għandu jkun jaf kif jirreferi lil xi ħadd għand konsulenti kkwalifikati.

### Uża teknoloġiji xierqa tal-ittestjar

Identifika t-testijiet għall-HIV disponibbli u vvaluta l-benefiċċji rispettivi tagħhom għall-ittestjar f'kuntesti differenti, inklużi testijiet (fejn jinsab il-pazjent) rapidi. It-teknoloġija tal-ittestjar tevolvi kontinwament u wieħed għandu jfittex il-pariri tal-esperti sabiex iżomm l-għażla tat-testijiet taħt reviżjoni regolari. It-testijiet reattivi kollha għandhom ikunu kkonfermati u l-linji gwida tal-WHO dwar dan is-suġġett għandhom jiġu segwiti. Il-linji gwida nazzjonali għall-applikazzjoni ta' standard minimu ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-ittestjar dijanjostiku huma essenzjali sabiex wieħed jassigura prattika ta' kwalità għolja u standardizzazzjoni metodoloġika u affidabbiltà.

### Dejjem agħti riżultati

Għandu jsir kull sforz sabiex ikun żgurat li l-persuni li jkunu għamlu test għall-HIV jiġu infurmati dwar ir-riżultat, kemm jekk pożittiv kif ukoll negattiv. Meta tagħti riżultati pożittivi, kun żgur li jkun hemm persunal disponibbli sabiex joffri konsulenza wara t-test u li jkun hemm ukoll konnessjonijiet għat-trattament xieraq għall-HIV u servizzi ta' appoġġ li wieħed jista' jirreferi għalihom. Nies f'riskju għoli ta' HIV li jirċievu riżultat ta' test negattiv jistgħu jibbenefikaw ukoll minn pariri u riferimenti għal servizzi ta' prevenzjoni xierqa.

## *Żgura l-aċċess għat-trattament, il-kura u l-prevenzjoni tal-HIV*

### Aċċess għat-terapija antiretrovirali

Huwa essenzjali li l-programmi kollha ta' ttestjar għall-HIV ikollhom mekkaniżmi ċari sabiex ikun żgurat li n-nies li jkollhom test pożittiv jiġu integrati fit-trattament u l-kura tal-HIV. Għandu jkun hemm aċċess universali għat-terapija antiretrovirali fl-Ewropa kollha. Il-fatt li wieħed ma jkunx kapaċi jħallas l-ispejjeż m'għandux jostakola l-aċċess għat-trattament, u għandhom jinstabu soluzzjonijiet biex jingħeleb dan l-ostakolu għall-aċċess universali. Possibbiltajiet ta' riferiment għandhom ikunu fis-seħħ f'kull post tal-ittestjar għall-HIV sabiex ikun żgurat li n-nies ikunu jistgħu jikkonsultaw speċjalista minnufih wara li jirċievu riżultat pożittiv ta' test għall-HIV. Din il-konsultazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni dwar meta għandha tibda t-terapija antiretrovirali u ħtiġijiet għal kura tas-saħħa u soċjali u appoġġ ieħor.

### Aċċess għal appoġġ psikosoċjali u għal servizzi ta' prevenzjoni

L-appoġġ psikosoċjali għandu jkun aċċessibbli minnufih wara riżultat pożittiv ta' test għall-HIV. Għal dawk il-persuni li t-test jirriżulta pożittiv, ir-riferiment għal kura speċjalizzata għandu jinkludi l-aċċess għall-appoġġ sabiex jiġi evitat aktar tixrid tal-HIV. Għal dawk il-persuni li t-test jirriżulta negattiv, ir-riferiment għall-konsulenza u l-appoġġ għall-prevenzjoni tal-HIV għandu jkun disponibbli ukoll fejn ikun hemm riskju kontinwu konsiderevoli ta' espożizzjoni jew jekk dan jintalab.

## Segwitu: monitoraġġ u valutazzjoni

Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni (*Monitoring and Evaluation* - M&E) huwa komponent essenzjali ta' programm ta' ttestjar għall-HIV u jiżgura li l-programm huwa tajjeb għall-iskop tiegħu u jipprovdi ttestjar għall-HIV ta' kwalità

għolja. Sistema ta' M&E mfassla tajjeb tinforma politiki, ittejjeb il-kwalità u l-effikaċja tal-interventi u għalhekk tiggwida l-allokazzjoni futura tar-riżorsi tal-programm. Id-dejta ta' sorveljanza nazzjonali tinkludi dijanjosijiet ġodda u l-proporzjon ta' individwi li jdumu ma juru s-sintomi. L-istimi ta' dawk mhux iddijanjostikati huma importanti għall-monitoraġġ tal-impatt tal-programm. L-espansjoni tal-ittestjar f'ambjenti ġodda tkun teħtieġ monitoraġġ u valutazzjoni sodi sabiex ikun żgurat ittestjar għall-HIV ta' kwalità għolja. Is-suċċess ta' interventi lokali li jippromwovu l-ittestjar għall-HIV jista' jkun ivvalutat fuq ħames kriterji: Fattibbiltà; Aċċettabbiltà; effikaċja u effettività fl-infiq; popolazzjonijiet fil-mira milħuqa; u Sostenibbiltà (Feasibility*; Acceptability; effectiveness and Cost-effectiveness; Target populations are reached; and Sustainability* - FACTS). Indikaturi ċari, definiti tajjeb u li jistgħu jitkejlu jistgħu jgħinu fil-monitoraġġ ta' dawn il-kriterji u jipprovdu metodu standard ta' rappurtat tas-sejbiet fil-livell lokali u (inter)nazzjonali.

# Rapporti ta' sorveljanza

## 5 Is-sorveljanza tat-tuberkolożi 2008

(Ippubblikat f'Marzu 2010)

Mill-1 ta' Jannar 2008, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa qegħdin jikkoordinaw flimkien is-sorveljanza tat-tuberkolożi (TB) fl-Ewropa. L-għan tagħhom huwa li jiżguraw kwalità għolja ta' dejta standardizzata dwar it-TB li tkopri t-53 pajjiż fir-Reġjun Ewropew tal-WHO u fil-Liechtenstein.

### Ir-Reġjun Ewropew tal-WHO

Għall-2008, ġew irrappurtati 461 645 każ ta' TB (52.2 għal kull 100 000 popolazzjoni) minn 50 mill-54 pajjiż tar-Reġjun Ewropew[2], li jirrappreżentaw madwar 6% tal-każijiet ta' TB irrappurtati fid-dinja kollha lill-WHO. It-tendenza fir-rati ġenerali ta' notifika tat-TB fir-Reġjun Ewropew kompliet tiżdied mill-2004. Madankollu, ir-rati ġenerali ta' notifika tat-TB fi 18-il pajjiż ta' prijorità għolja (HPC)[3] naqsu mis-sena ta' qabel bi 3.9% sa 87.6% tal-każijiet kollha ta' TB u fir-Reġjun in-notifika ġenerali naqset bi 2.6% bejn l-2007 u l-2008. Tnaqqis ta' 4% mill-2007 fin-notifika ta' każijiet ġodda ta' TB jindika tnaqqis fit-tixrid tat-TB fir-Reġjun. Il-persentaġġ ta' każijiet ittrattati qabel ukoll naqas mil-2007 minn 31.7% għal 29.8%.

Il-grupp ta' età bl-ogħla numru (42.0%) ta' każijiet ġodda ta' TB fir-Reġjun huwa bejn il-25–44 sena.

In-numru rrappurtat ta' każijiet ta' TB infettati ukoll bl-HIV kważi rdoppja, minn 5 828 fl-2006 għal 11 395 fl-2008, minħabba żieda fl-ittestjar bħala parti minn intensifikazzjoni fis-servizzi tal-kura tal-HIV għall-pazjenti bit-TB fl-HPC. Ma kienx hemm xi żieda notevoli fin-numru ta' infezzjonijiet ta' HIV ukoll irrappurtati barra l-HPC matul dan il-perjodu.

Fir-Reġjun, l-għadd totali ta' każijiet ta' TB reżistenti għal diversi mediċini (MDR TB) għall-2008 irdoppja mis-sena ta' qabel minħabba titjib fl-ittestjar tas-suxxettibbiltà għall-mediċini (DST) u l-prevalenza tal-MDR TB fost każijiet ġodda ta' TB kienet ta' 11.1%. L-akbar piż ta' każijiet ta' MDR TB fir-Reġjun jinsab fl-HPC, bi prevalenza ta' 13.8% fost il-każijiet ġodda ddijanjostikati, ħames darbiet ogħla mill-prevalenza rrappurtata fl-UE/ŻEE, u aktar minn 50% fost il-każijiet ittrattati qabel, proporzjon aktar minn darbtejn ogħla milli fl-UE/ŻEE.

Ir-rata ta' suċċess tat-trattament fost il-każijiet ġodda ta' TB ikkonfermati fil-laboratorju fl-2007 naqset għal-livell ta' 70.7% (meta mqabbla ma' 73.1% għall-każijiet irreġistrati fl-2006); 9.0% ġew irrappurtati bħala trattament li ma rnexxiex, 8.4% mietu, u 6.9% inadempjenti. Ir-rata ta' suċċess tat-trattament fil-pajjiżi li m'humiex fl-UE/ŻEE hija aktar baxxa milli fl-UE/ŻEE:

67.5% meta mqabbla ma' 79.5%, rispettivament. Fit-18-il HPC, it-trattament irnexxa għal 69.2% biss tal-każijiet ġodda ta' TB ikkonfermati fil-laboratorju, li huwa ferm inqas mill-mira ta' 85% tal-Istrateġija għall-Waqfien tat-TB.

Ir-rata ta' mortalità minħabba t-TB naqset b'45% minn 9.0 għal kull 100 000 popolazzjoni fl-2005 għal 5.0 għal kull 100 000 popolazzjoni fl-2007. Tnaqqis proporzjonali simili deher fl-UE/ŻEE kif ukoll fl-HPC. Madankollu, il-mortalità fl-HPC baqgħet kważi 15-il darba ogħla milli fl-UE/ŻEE.

### Il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea[4]

Għall-2008, is-26 pajjiż tal-Unjoni Ewropea (UE) (minbarra l-Awstrija) u żewġ pajjiżi oħrajn taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (l-Islanda u n-Norveġja), irrappurtaw 82 611-il każ ta' TB, li wera tnaqqis ta' 615-il każ meta mqabbla mal-2007. Aktar minn 80% tal-każijiet seħħew fit-tmien pajjiżi li rrappurtaw 3 000 każ jew aktar kull wieħed (il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit).

Ir-rata ġenerali ta' notifika fl-2008 kienet ta' 16.7 għal kull 100 000, b'rati aktar baxxi minn 20 għal kull 100 000 irrappurtati f'21 pajjiż u ogħla minn 20 għal kull 100 000 fir-Rumanija (115.1), l-Istati Baltiċi — il-Litwanja (66.8), il-Latvja (47.1), l-Estonja (33.1) — il-Bulgarija (41.2), il-Portugall (28.2) u l-Polonja (21.2). T Ir-rata ġenerali ta'

[2] L-ebda dejta minn Monako, San Marino, l-Awstrija jew il-Liechtenstein; il-Liechtenstein huwa inkluż f'dan ir-rapport, iżda huwa ppreżentat biss bħala pajjiż taż-ŻEE minħabba li m'huwiex Stat Membru tar-Reġjun Ewropew tal-WHO.

[3] L-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Ġeorġja, il-Kazakistan, il-Kirgiżistan, il-Latvja, il-Litwanja, il-Moldova, ir-Rumanija, ir-Russja, it-Taġikistan, it-Turkija, it-Turkmenistan, l-Ukraina, l-Uzbekistan.

[4] Is-27 Stat Membru tal-UE, l-Islanda, il-Liechtensteinu n-Norveġja.

notifika kienet 1.2% inqas minn dik fl-2007 (għat-28 pajjiż li rrappurtaw), li tirrifletti tendenza netta 'l isfel fi 17-il pajjiż.

Madankollu, ġiet osservata żieda sostanzjali f'Malta (28.8%), l-Islanda (19.8%) u Ċipru (12.2%), u dehru xi żidiet fl-Isvezja (4.9%) u fir-Renju Unit (2.8%), prinċipalment ta' każijiet ta' oriġini barranija. Fl-2008, 22.4% tal-każijiet (medda tal-pajjiż: 0–88%) kienu f'persuni ta' oriġini barranija, li aktar minn żewġ terzi minnhom kienu ġejjin mill-Asja jew mill-Afrika.

Il-prevalenza tal-HIV fost il-każijiet tat-TB żdiedet bejn l-2006 u l-2008 fl-Estonja (minn 9.0% għal 9.9%), fil-Latvja (3.4% għal 6.7%) u f'Malta (3.7% għal 9.4%). Fil-bqija tal-pajjiżi li ppreżentaw id-dejta, il-prevalenza tal-HIV fost il-każijiet ta' TB kienet ta' 1% jew inqas f'sitt pajjiżi, 2–5% fi tlieta oħra, 5–8% f'żewġ pajjiżi u 14.6% f'pajjiż wieħed.

Ir-reżistenza għal diversi mediċini baqgħet l-aktar frekwenti fl-Istati Baltiċi (MDR magħquda: 15.6%–21.3%) segwiti mir-Rumanija, li rrappurtat riżultati għall-ewwel darba (14.7%). Pajjiżi oħrajn irrappurtaw livelli aktar baxxi ta' MDR (0%–5%), fejn kienet ġeneralment aktar komuni f'każijiet ta' oriġini barranija. Mill-14-il pajjiż li rrappurtaw reżistenza wiesgħa għall-mediċini (XDR), ir-Rumanija kellha l-ogħla figuri (total ta' 54 każ), filwaqt li l-Latvja u l-Estonja kellhom l-ogħla persentaġġ ta' każijiet ta' XDR fost il-każijiet ta' MDR (14.7 u 12.2%, rispettivament) bil-Latvja turi żieda konsiderevoli fil-każijiet ta' XDR meta mqabbla mal-2007, minn 6 għal 19, (6.1% għal 14.7%).

Tnejn u għoxrin pajjiż irrappurtaw dejta ta' monitoraġġ tal-eżitu tat-trattament għal każijiet ċerti ta' TB pulmonari fl-2007. Fost il-każijiet ta' TB pulmonari mhux trattati qabel, ikkonfermati bil-koltivazzjoni, 79.5% kellhom eżitu ta' suċċess. L-eżiti ta' suċċess kienu notevolment aktar baxxi fost il-każijiet ta' TB ttrattati qabel (51.8%) u fost il-każijiet pulmonari kkonfermati bil-koltivazzjoni ta' MDR TB fl-24 xahar (30.9%).

# 6 Is-sorveljanza tal-influwenza fl-Ewropa 2008/09 – Mill-40 ġimgħa/2008 sad-39 ġimgħa/2009

(Ippubblikat f'Mejju 2010)

L-istaġun tal-influwenza tal-2008/09 fl-Ewropa beda fit-48 ġimgħa/2008, dam madwar 10 ġimgħat f'kull pajjiż affettwat u ntemm fis-16-il ġimgħa/2009 wara li l-perjodu tal-ogħla attività kien qasam il-kontinent mill-Punent għal-Lvant. Il-proporzjonijiet speċifiċi għas-(sotto)tip ta' kull ġimgħa ta' kampjuni sorveljati pożittivi għall-influwenza urew żewġ perjodi intensivi koinċidenti, l-influwenza A(H3N2) li għall-bidu kienet dominanti ġiet sostitwita mill-influwenza B bħala l-aktar virus tal-influwenza prevalenti wara t-8 ġimgħa/2009. Il-virusis tal-influwenza A(H3N2) u A(H1N1) li kienu qegħdin jiċċirkolaw instabu li kienu antiġenikament relatati mill-qrib mal-komponenti korrispondenti inklużi fil-vaċċin tal-influwenza tal-2008/09 fl-emisfera ta' Fuq, filwaqt li l-parti l-kbira tal-virusijiet B iżolati kienu virusijiet tan-nisel Victoria u ma kienux jaqblu mal-komponent tal-vaċċin B, virus tan-nisel Yamagata. Minħabba l-prevalenza relattivament baxxa ta' virusijiet B osservati waqt dan l-istaġun, madankollu, dan in-nuqqas ta' qbil aktarx li ma kienx ta' sinifikat partikolari għas-saħħa pubblika.

Il-każijiet tal-influwenza pandemika A(H1N1) tal-2009 bdew ifeġġu fl-Ewropa fis-16-il ġimgħa/2009. Sad-39 ġimgħa, in-numru totali rrappurtat ta' każijiet ikkonfermati kien jammonta għal 53 658 mill-Istati Membri kollha tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, u kien jinkludi 175 mewt f'14-il pajjiż. Id-dejta bbażata fuq il-każijiet uriet li l-pazjenti kellhom bejn 0 u 90 sena (medja: 19-il sena), 78% kellhom inqas minn 30 sena, u t-tfal tal-iskola ta' bejn il-5 u d-19-il sena kienu jirrappreżentaw 47% tal-każijiet kollha. Il-maġġoranza kbira tal-każijiet (96%) ma kellhomx kundizzjonijiet mediċi bażiċi. Fost dawk b'kundizzjonijiet bażiċi, l-aktar kundizzjoni medika bażika rrappurtata kienet il-mard pulmonari kroniku, li kien jirrappreżenta 30% ta' dawn il-każijiet. Il-pulmonite kienet ikkwotata bħala kumplikazzjoni f'0.6% tal-infezzjonijiet bl-influwenza pandemika, il-proporzjon globali ta' dħul fl-isptar kien ta' 13%, u 0.03% tal-każijiet ġew irrappurtati li mietu.

In-Netwerk Ewropew għas-sorveljanza tal-influwenza klinika u viroloġika integrat (EISN) instab li kien effettiv fl-iskoperta f'waqtha tal-bidu tal-istaġun tal-influwenza tal-2008/09, fil-monitoraġġ tal-iżvilupp tagħha u fil-kwalifikazzjoni tal-karatteristiċi viroloġiċi ewlenin tagħha. L-ewwel virusijiet tal-influwenza pandemika tal-2009 li nstabu f'pazjenti mhux sorveljati u sorveljati kienu kkonfermati fi żmien ġimgħa u tliet ġimgħat rispettivament, wara li mardu l-ewwel każijiet fl-Ewropa. Madankollu, is-sorveljanza ta' mard li jixbaħ lill-influwenza (ILI) u tal-infezzjoni respiratorja akuta (ARI) skopriet biss żieda ċara wara għaxar ġimgħat. Anki fid-39 ġimgħa/2009, meta każijiet ta' influwenza pandemika kienu ġew irrappurtati mill-Istati Membri kollha tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, l-attività ta' ILI/ARI ogħla mil-linja bażi kienet dehret biss f'disa' pajjiżi mid-29 pajjiż li kienu qegħdin jirrappurtaw lill-EISN.

Għalkemm sensittività ogħla tkun teħtieġ numru akbar ta' tobba ta' sorveljanza, jeħtieġu li jiġu indirizzati ċerti nuqqasijiet sistematiċi oħrajn. Xi suġġerimenti ta' bidliet fis-sistema ta' sorveljanza tal-influwenza fl-Ewropa huma:

- aktar promozzjoni tar-rappurtar standardizzat tal-intensità, it-tixrid ġeografiku u t-tendenzi tal-ILI u l-ARI;
- iż-żieda tas-sorveljanza tal-ILI u tal-ARI bis-sorveljanza ta' infezzjonijiet respiratorji akuti severi (SARI);
- l-introduzzjoni ta' limiti epidemiċi standardizzati għas-sorveljanza tal-ILI/ARI;
- tiġi żviluppata aktar is-sorveljanza tal-mortalità minħabba kwalunkwe kawża fil-livell Ewropew u r-riżultati jkunu regolarment disponibbli għall-pubbliku.

# 7 Is-Sorveljanza ta' mard batterjali invażiv fl-Ewropa 2007

(Ippubblikat f'Ottubru 2010)

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-epidemjoloġija ta' mard batterjali invażiv minħabba *Haemophilus influenzae* u *Neisseria meningitidis* fl-Istati Membri (SM) tal-Unjoni Ewropea (EU) fl-2007. Punti ta' kuntatt nazzjonali magħżula ntalbu jissottomettu dejta permezz tal-użu tal-verżjoni riveduta tal-ġabra ta' dejta għall-infezzjonijiet batterjali invażivi (IBI) żviluppata fl-2008, fuq il-bażi tad-database preċedenti tal-EU-IBIS. Din il-ġabra ta' dejta fiha informazzjoni bbażata fuq il-każijiet dwar varjabbli epidemjoloġiċi u tal-laboratorju, u hija maqsuma f'sett bażiku ta' varjabbli applikabbli għall-mard kollu notifikabbli fl-UE u ġabra ta' dejta imtejba ta' varjabbli speċifiċi għall-mard invażiv bl-*Haemophilus* u mard meninġokokkali invażiv. Sabiex is-sottomissjoni tad-dejta tkun eħfef, l-SM irċevew taħriġ online f'Ġunju 2008, u vidjows ta' taħriġ supplimentari u materjal ieħor kienu magħmula disponibbli qabel is-sejħa għad-dejta.

Mit-30 Stat Membru tal-UE/ŻEE, 27 ippreżentaw dejta dwar mard invażiv bl-*Haemophilus influenzae* u 29 issottomettew dejta dwar mard meninġokokkali invażiv.

## Mard invażiv bl-*Haemophilus influenzae*

- Fl-2007 ġew irrappurtati total ta' 2 058 każ ta' mard invażiv bl-*Haemophilus influenzae*. Ir-rati ta' notifika kienu jvarjaw fl-SM u r-rati fil-pajjiżi Nordiċi kienu ogħla meta mqabbla mal-bqija tal-Ewropa, b'tendenza ta' aktar żieda. Madankollu, il-parti l-kbira tal-pajjiżi baqgħu taħt każ 1 għal kull 100 000 popolazzjoni. L-ogħla rati globali ta' notifika ġew irrappurtati fost it-trabi ta' inqas minn sena (3 għal kull 100 000, 118-il każ). Għalkemm it-tendenzi fost it-trabi naqsu sostanzjalment għas-serotip b mill-1999 sal-2007 (minn 3 għal kull 100 000 għal 1 għal kull 100 000), dawn żdiedu għar-razez mhux inkapsulati, minn 1.5 għal kull 100 000 sa 2.5 għal kull 100 000 fl-istess perjodu.
- Sebgħa u sittin fil-mija tal-każijiet invażivi kollha bil-*H. influenzae* irrappurtati fl-2007 kienu kkawżati minn razez mhux inkapsulati. Iż-żieda fin-numru ta' razez mhux inkapsulati rrappurtata matul is-snin tista' tkun parzjalment attribwibbli għal aċċertament imtejjeb tal-każijiet u titjib fis-sensittività tas-sistemi ta' sorveljanza, li ġew iddokumentati ukoll f'bosta SM. Madankollu, ġiet osservata ukoll żieda reali fin-numru ta' serotipi nnotifikati mhux koperti mill-vaċċin (razez mhux b u mhux inkapsulati) fl-UE għal dawn l-aħħar diversi snin. L-introduzzjoni tal-vaċċin konjugat tat-tip b tal-*H. influenzae* (Hib) wassal għal proporzjon ogħla ta' infezzjoni invażiva b'*H. influenzae* attribwibbli għal razez li m'humiex tas-serotip b minħabba t-tnaqqis fil-mard bl-Hib. Madankollu, għall-kuntrarju tal-programm ta' tilqim bil-konjugat pnewmokokkali, m'hemmx provi sodi jew konsistenti li jissuġġerixxu li t-tilqim tal-massa għall-Hib fit-trabi wassal għas-sostituzzjoni tas-serotip kemm fil-ġarr kif ukoll fil-mard. Dokument reċenti dwar il-pożizzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) rigward il-vaċċini tal-konjugati tal-Hib ikkonkluda li 's'issa, is-sostituzzjoni tar-razza batterjali ma kinitx karatteristika prominenti tat-tilqim fuq skala kbira għall-Hib'.
- F'termini ta' numru assoluti rrappurtati, jidher li hemm ċaqliq lejn gruppi ta' età akbar. Sitta u erbgħin fil-mija tal-każijiet kollha rrapurtati fl-2007 kienu fost adulti ta' aktar minn 65 sena; din is-sejba hija konsistenti ma' studju mill-Istati Uniti li jenfasizza ż-żieda fl-inċidenza ta' mard invażiv bl-*H. influenzae* mill-1996 sal-2004. Il-karatterisitiċi epidemjoloġiċi tal-*H. influenzae* inbidlu ukoll minn marda li kienet tinstab l-aktar fit-tfal u ddominata mis-serotip b għal marda li tinstab l-aktar fl-adulti u ddominata minn razez mingħajr tip.
- Fl-2007, sa 60% tal-każijiet seħħew f'individwi mlaqqma, kif huwa normalment osservat f'popolazzjonijiet b'kopertura kbira ta' tilqim. Fost dawk imlaqqma għal kollox, il-parti l-kbira kienu tfal bejn 1–4 snin filwaqt li dawk iżgħar minn sena kienu jirrappreżentaw 27% tal-każijiet. Mid-dejta disponibbli, m'huwiex possibbli li wieħed jevalwa jekk il-każijiet osservati jistgħux jiġu kklassifikati bħala falliment reali ta' tilqim u jeħtieġ aktar informazzjoni biex wieħed jistudja aktar din is-sejba. Ġie pprovdut sfond addizzjonali dwar dan is-suġġett minn studju li tmexxa mill-EU-IBIS li analizza l-falliment tal-vaċċin tal-Hib identifikat permezz tas-sorveljanza nazzjonali bejn l-1996 u l-2001 fl-Ewropa, fl-Iżrael u fl-Awstralja u ddeskriva l-karatteristiċi kliniċi u tal-laboratorju f'popolazzjoni kbira u varja bi skedi ta' tilqim differenti.

Tfaċċar mill-ġdid tal-mard mill-Hib minħabba l-falliment tal-vaċċin ġie rrappurtat ukoll b'mod estensiv mir-Renju Unit.

## Mard meninġokokkali invażiv

- Fl-2007, ġew innotifikati 5 583 każ ta' mard batterjali invażiv minħabba *N. meningitidis* fl-UE/ŻEE, b'rata ġenerali ta' notifika ta' 1.12 każijiet għal kull 100 000. Ir-rati ta' notifika kienu jvarjaw fost l-SM u kienu ogħla fl-Irlanda u fir-Renju Unit meta mqabbla mal-bqija tal-Ewropa, għalkemm fiż-żewġ pajjiżi hemm tendenza ta' tnaqqis kostanti. Minbarra dawn iż-żewġ pajjiżi, sitt SM oħrajn għandhom rati ta' notifika ogħla minn 1 għal kull 100 000 (il-Belġju, id-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja, il-Litwanja u Malta). It-trabi u t-tfal xorta kellhom l-ogħla numru ta' każijiet ta' mard meninġokokkali invażiv, b'50% tal-każijiet irrappurtati fi

tfal ta' inqas minn 10 snin. L-ogħla rati osservati fi trabi ta' inqas minn sena ġew irrappurtati mill-Irlanda u mir-Renju Unit, b'rati ta' 74.5/100 000 u 46.6/100 000, rispettivament.

- Bħal fil-każ tal-*H. influenzae*, l-eteroġeneità fir-rappurtar tal-każijiet tista' tkun attribwibbli għal għadd ta' kawżi possibli: titjib fis-sensittività tas-sistemi ta' sorveljanza; varjazzjoni fit-tipi ta' preżentazzjonijiet kliniċi taħt sorveljanza (jiġifieri, sepsi jew meninġite jew it-tnejn) f'kull SM; differenzi fid-definizzjonijiet tal-każijiet applikati; differenzi fil-kapaċitajiet tal-laboratorji; jew differenzi fil-prattiki tal-kura tas-saħħa biex ikun żgurat ġbir ta' kampjuni għall-koltivazzjoni minn kmieni. F'dan l-istadju, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għad m'għandux ħarsa ġenerali tajba tar-raġunijiet ewlenin wara dawn id-differenzi u għalhekk iħeġġeġ kawtela meta jitqabblu r-rati ta' notifika bejn il-pajjiżi skont is-serogruppi u l-età.
- Il-proporzjon ta' każijiet b'nuqqas ta' informazzjoni dwar is-serogrupp għadu għoli, b'mod speċjali fil-pajjiżi Ewropej tal-Lvant. Madankollu, l-identifikazzjoni tas-serogruppi tjiebet mas-snin, bin-numru ta' dawk mhux magħrufa jonqos sostanzjalment f'dawn l-aħħar ħames snin minn 1 448 fl-2003 għal 559 każ fl-2007. Fl-2007, is-serogrupp B kien is-serogrupp l-aktar irrappurtat li kkawża mard meninġokokkali invażiv fl-Ewropa, filwaqt li rrappreżenta madwar 90% tas-serogruppi kollha nnotifikati fost it-tfal ta' inqas minn erba' snin. Fil-pajjiżi bit-tilqim meninġokokkali C (MCC), hemm predominanza kbira ta' każijiet B fil-gruppi tal-etajiet kollha u, b'mod partikolari, fil-gruppi ta' etajiet iżgħar minn sena u bejn sena u erba' snin (73 u 81% tal-każijiet, rispettivament), il-gruppi normalment indikati għat-tilqim kontra s-serogrupp C.
- Fil-pajjiżi bit-tilqim tal-MCC, il-proporzjon ta' każijiet minħabba s-serogrupp C naqas drastikament fil-ftit snin wara d-dħul tal-vaċċin fl-iskeda nazzjonali, b'mod speċjali fil-gruppi mmirati mill-programmi ta' tilqim. Il-proporzjon ta' każijiet ta' serogrupp C jidher li jiżdied mal-età, li aktarx huwa dovut għall-kopertura baxxa mit-tilqim fil-gruppi ta' età akbar kif ukoll għat-tnaqqis fl-effikaċja tal-vaċċin wara s-sena tal-iskeda primarja ta' tilqim.
- L-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni skont is-serotip u s-sotto-klassifikazzjoni tar-razez qiegħda tiżdied minħabba l-adozzjoni ta' teknoloġiċi molekulari f'aktar pajjiżi. Madankollu, l-għadd ta' kampjuni serotipati u serosottokklassifikat għadu baxx u l-interpretazzjoni ta' dawn ir-riżultati għandha ssir b'attenzjoni. L-ogħla numru ta' kampjuni serosottokklassifikati kien irrappurtat minn Franza, ir-Renju Unit u l-Belġju.

## Konklużjonijiet ewlenin

Ġeneralment, l-inċidenza ta' dawn iż-żewġ mardiet qiegħda tkompli tonqos, b'mod speċjali fit-tfal iż-żgħar li huma l-mira tal-kampanji ta' tilqim. Madankollu, fil-livell Ewropew, in-numru ta' każijiet minħabba serotipi u serogruppi li m'humiex koperti mill-vaċċini qed ikompli jikber, u qed jaffettwa lit-tfal żgħar ukoll u din it-tendenza għandha tkun immonitorjata b'attenzjoni.

Minħabba li l-kopertura bit-tilqim hija kbira għaż-żewġ vaċċini, il-każijiet iseħħu ukoll f'individwi mlaqqma. Sfortunatament, ma nġabritx biżżejjed dejta biex issir analiżi fil-fond tal-fallimenti tal-vaċċini jew biex issir kwalunkwe konklużjoni dwar il-proporzjon ta' każijiet li jseħħu fost l-individwi mlaqqma f'pajjiżi li għandhom it-tilqim jew li m'għandhomx. Dan huwa minħabba li l-proporzjon ġenerali ta' valuri nieqsa għall-istatus tat-tilqim kien għoli ħafna u l-informazzjoni dwar id-data tat-twelid, l-għadd ta' dożi li ngħataw u d-data tal-aħħar doża ma kienux disponibbli. Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex wieħed jiddikjara l-falliment tal-vaċċin għadha m'hijiex inkluża fis-sett ta' varjabbli (bħall-ħin tat-twelid, u n-numru u d-dati tad-dożi mogħtija).

Sabiex jitjieb it-tqabbil tad-dejta bejn il-pajjiżi parteċipanti, jeħtieġu metodi aktar standardizzati tal-laboratorji għall-identifikazzjoni ta' każ u l-adozzjoni lokali ta' definizzjoni komuni tal-każijiet għal finijiet ta' sorveljanza. Il-metodi ta' ġenotipar sejrin isiru dejjem aktar fattibbli fil-pajjiżi Ewropej u dan ser itejjeb il-fehim tad-dejta ta' sorveljanza; madankollu, dan jeħtieġ kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-laboratorji u ċ-ċentri epidemjoloġiċi fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew. F'dan ir-rigward, fl-2008 ingħatat sejħa għall-offerti msejħa '*Laboratory surveillance and external quality assurance (EQA) of invasive bacterial diseases in EU*' (Is-sorveljanza tal-laboratorji u l-assigurazzjoni tal-kwalità esterna (EQA) ta' mard batterjali invażiv fl-UE) minn konsorzju ta' istituzzjonijiet Ewropej ikkoordinati mill-Università ta' Würzburg, il-Ġermanja, u issa l-proġett jinsab fit-tieni sena ta' attività tiegħu. Huwa ffukat mhux biss fuq l-EQAs u t-taħriġ iżda b'mod partikolari fuq it-tisħiħ u l-armonizzazzjoni tal-kapaċità tal-laboratorji fl-SM u fuq it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn il-laboratorji u l-istituti tas-saħħa pubblika fl-UE. Waħda mill-attivitajiet ewlenin tal-grupp hija l-promozzjoni tal-użu ta' metodi ta' tipar molekulari fis-sorveljanza ta' rutina.

# 8 Rapport epidemjoloġiku annwali dwar il-mard li jittieħed fl-Ewropa 2010

(Ippubblikat f'Novembru 2010)

Dan ir-rapport jippreżenta l-analiżi tad-dejta rrappurtata għall-2008 mis-27 Stat Membru tal-UE u tliet pajjiżi taż-ŻEE/EFTA: l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja. L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi xi indikazzjoni, ibbażata fuq id-dejta disponibbli, ta' fejn jinsab il-piż ewlieni tal-mard li jittieħed fl-Unjoni Ewropea. F'dawn iż-żoni, teħtieġ azzjoni aktar miftiehma sabiex jitnaqqas il-piż attwali u potenzjali fil-ġejjieni fuq is-soċjetà, fuq is-saħħa pubblika u fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa, u sabiex tonqos it-tbatija tal-bniedem. Din id-dejta tikkontribbwixxi għall-kompitu tal-ECDC li jipprovdi l-bażi tal-evidenza għall-azzjoni, tgħin fl-identifikazzjoni u l-qsim tal-prattiki, u tissuġġerixxi metodi għas-segwitu tal-interventi.

Għalkemm kien hemm ħafna progress fit-titjib tal-kwalità u l-komparabbiltà tad-dejta, il-qarrej xorta waħda għandu joqgħod attent qabel ma jagħmel paraguni diretti tar-rati ta' notifika bejn il-pajjiżi. Is-sistemi ta' sorveljanza jvarjaw ħafna, u r-relazzjoni bejn l-inċidenza rrappurtata jew notifikata u dik attwali tvarja minn pajjiż għal pajjiż għal bosta mard.

Għall-ewwel darba l-Analiżi annwali tat-Theddidiet immonitorjati fl-UE qiegħda tkun irrappurtata b'mod separat[5].

## Reżistenza antimikrobjali u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa

L-akbar theddida ta' mard fl-Ewropa tibqa' dik ikkawżata mill-organiżmi li saru reżistenti għall-antimikrobjali. Fl-2008, 900 laboratorju li jservu aktar minn 1 500 sptar irrappurtaw id-dejta dwar ir-reżistenza antimikrobjali (AMR) tagħhom għal seba' mikro-organiżmi indikaturi kbar. Dan wera żieda fl-Ewropa kollha ta' reżistenza għall-klassijiet kollha tal-antibijotiċi taħt sorveljanza għall-aktar batterji Gram-negattivi komuni responsabbli għall-batterimja u l-infezzjonijiet tal-apparat urinarju, *Escherichia coli*. Ġie rrappurtat tnaqqis fil-proporzjon ta' *Staphylococcus aureus* reżistenti għall-metiċillina (MRSA) minn ċerti pajjiżi, għalkemm il-proporzjonijiet ta' MRSA baqgħu ogħla minn 25% f'terz mill-pajjiżi. It-theddida dejjem tikber tar-reżistenza għal diversi mediċini (reżistenza għal diversi antibijotiċi użati spiss), li qiegħda tkun osservata aktar spiss f'ċerti batterji Gram-negattivi bħall-*Escherichia coli*, *Klebsiella pneumoniae* u *Pseudomonas aeruginosa*, qiegħda tkompli toħloq tħassib.

Matul l-istess sena, ġiet irrappurtata dejta ta' sorveljanza dwar 306 621 intervent kirurġiku minn 1 422 sptar u dejta minn 654 sptar dwar 9 129 episodju ta' pnewmonja meħuda mit-Taqsima tal-Kura Intensiva (ICU) u 4 077 episodju ta' infezzjonijiet fid-demm meħuda mill-ICU. It-tendenza ta' tnaqqis fl-infezzjonijiet fis-sit tal-kirurġija wara l-prosteżi tal-ġenbejn ġiet ikkonfermata fl-2008. It-tqassim ta' mikro-organiżmi assoċjati ma' infezzjonijiet miksuba fit-taqsimiet tal-kura intensiva wera proporzjon għoli ta' Enterobacteriaceae reżistenti għas-cephalosporin tat-tielet ġenerazzjoni, b'mod partikolari fost *Klebsiella* spp. u *Enterobacter* spp.

## Mard ambjentali u li jinġarr mill-organiżmi

It-tifqigħa ta' deni Q irrappurtata fil-Pajjiżi l-Baxxi bejn Marzu u Diċembru 2007 reġgħet feġġet fl-2008. Il-każijiet ewlenin seħħew matul il-perjodu tas-sajf u laħqu l-quċċata tagħhom matul il-25–28 ġimgħa (nofs Ġunju–nofs Lulju). Pajjiżi Ewropej oħrajn bħall-Ġermanja rrappurtaw ukoll tibdil fit-tendenzi għad-deni Q u żieda fil-każijiet fl-2008, għalkemm sa ċertu punt inqas.

Mill-mard li jittieħed f'dan il-grupp b'konsegwenzi aktar serji, bħal dawk b'karatteristiċi potenzjalment emorraġiċi, id-deni emorraġiku tal-Krimea-Kongo (*Crimean-Congo haemorrhagic fever* - CCHF) infirex lil hinn miż-żoni endemiċi tradizzjonali fir-reġjun tal-Balkani. Il-Greċja rrappurtat l-ewwel każ tagħha ta' CCHF fil-bniedem f'Ġunju 2008 mill-parti tat-Tramuntana tal-pajjiż qrib żona endemika magħrufa. Min-naħa l-oħra, it-titjib fl-attivitajiet ta' sorveljanza introdotti fl-Italja wara t-tifqigħa tas-sena preċedenti ta' 217-il każ ikkonfermati fil-laboratorju ta' deni chikungunya wera li d-deni chikungunya awtoktonu ma reġax feġġ, minħabba li l-ftit każijiet li ġew irrappurtati fl-UE/ŻEE kienu kollha importati.

## Mard u żoonożi li jinġarru mill-ikel u mill-ilma

Għad fadal nuqqas kbir ta' rappurtar għall-parti l-kbira mill-mard li jinġarr mill-ikel minħabba l-varjazzjoni fis-severità tal-istampa klinika li jipproduċu. Il-Campylobacteriosis baqgħet l-aktar kawża komuni rrapportata ta' mard

5 ECDC. Rapport Annwali tat-Theddid 2009. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, Stokkolma; 2010. Disponibbli minn fuq: http:// www.ecdc.europa.eu/en/publications/surveillance_reports/Pages/index.aspx

gastrointestinali fl-UE u fiż-ŻEE/EFTA b'rata fl-2008 (44.1 għal kull 100 000 popolazzjoni) xi ftit jew wisq simili għas-sena ta' qabel. Dan huwa eżempju tipiku ta' marda li hija sottovalutata, minħabba li din l-infezzjoni hija partikolarment magħrufa li tikkawża mard mingħajr sintomi jew ħafif li jwassal għal grad għoli ta' nuqqas ta' notifika.

Ir-rata ġenerali ta' notifika tal-infezzjoni mill-VTEC/STEC ukoll baqgħet relattivament l-istess f'dawn l-aħħar ftit snin (b'0.66 għal kull 100 000). Madankollu, in-numru ta' każijiet irrappurtati li żviluppaw is-sindromu ħamolitiku uramiku żdied bi 42% fl-2008 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Bħal fil-każ tas-salmonellożi u x-xigellożi, it-tfal taħt il-ħames snin kellhom l-ogħla rata ta' notifika ta' infezzjoni mill-VTEC/STEC (4.72 każ għal kull 100 000 popolazzjoni), li huwa aktarx dovut għall-preżentazzjoni klinika aktar severa f'dan il-grupp ta' età u għall-possibbiltà akbar ta' dħul fl-isptar b'kull waħda minn dawn l-infezzjonijiet.

Kien hemm tnaqqis kostanti ta' salmonellożi f'dawn l-aħħar tliet snin, għalkemm is-*Salmonella* kompliet tkun il-kawża ta' għadd ta' tifqigħat li jinġarru mill-ikel fil-livelli internazzjonali, nazzjonali u subnazzjonali fl-2008. Minħabba tibdil fir-rappurtar tad-dejta, dan ir-rapport juri rata ogħla ta' deni tat-tifojde milli fis-snin ta' qabel, iżda dan huwa artefatt ta' rappurtar aktar sħiħ pjuttost milli żieda reali. Il-parti l-kbira tal-każijiet ta' tifojde għadhom ikunu importati minn vjaġġaturi li jiġu lura minn żoni endemiċi.

Fl-2008, ir-rata ġenerali ta' notifika tal-epatite A (3.34 għal kull 100 000 popolazzjoni) kienet xi ftit ogħla milli fl-2007 (2.75 għal kull 100 000 popolazzjoni). Ir-rata ta' notifika fil-Latvja żdieded minn 0.66 fl-2007 għal 123 għal kull 100 000 popolazzjoni, l-aktar bħala riżultat ta' tifqigħa fil-komunità kollha li bdiet fost dawk li jieħdu d-droga minn ġol-vini u persuni bi dħul baxx li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' iġjene inferjuri, iżda li aktar tard infirxet għall-bqija tal-komunità. Bl-istess mod, tifqigħa ta' epatite A fir-Repubblika Ċeka għall-ewwel affettwat lil dawk li jieħdu d-droga bis-siringi, u wara infirxet fost il-popolazzjoni ġenerali.

## HIV, infezzjonijiet trasmessi b'mod sesswali, epatite B u C

L-infezzjoni bl-HIV baqgħet waħda mill-akbar theddidiet għas-saħħa pubblika kkawżata mill-mard li jittieħed fl-Ewropa. L-HIV kompliet tiżdied bi 33% fin-numru ta' każijiet irrappurtati ta' infezzjoni bl-HIV, minn 4.2 għal kull 100 000 fl-2000 (13 265 każ) għal 5.6 għal kull 100 000 (18 019-il każ) fl-2008. Din it-tendenza hija aktar inkwetanti meta wieħed jikkunsidra li fl-UE/ŻEE proporzjon imdaqqas (madwar 30%) lanqas biss jafu li għandhom l-HIV. Id-dejta turi li l-akbar proporzjon ta' każijiet ta' HIV kien dijanjostikat f'irġiel li jkollhom x'jaqsmu ma' rġiel oħra (40%) iżda l-proporzjon ta' trasmissjoni eterosesswali tal-HIV (29%) qiegħda tkompli tiżdied f'bosta pajjiżi fl-Ewropa. Proporzjon konsiderevoli ta' infezzjonijiet bl-HIV dijanjostikati ġodda fl-UE seħħ f'immigranti minn pajjiżi b'epidemija ta' HIV ġeneralizzata (l-aktar fl-Afrika tas-sub-Saħara). B'kuntrast ma' dan, minkejja ċerti limitazzjonijiet fid-dejta, l-għadd ta' dijanjosijiet ta' AIDS jidher li naqas, ħlief fl-Istati Baltiċi.

Il-Chlamydia baqgħet l-aktar infezzjoni trasmessa b'mod sesswali irrappurtata fl-UE/ŻEE bi 335 329 każ ikkonfermat irrappurtati (150 għal kull 100 000 popolazzjoni). L-inċidenza reali tal-chlamydia aktarx li hija ogħla minħabba li din l-infezzjoni hija partikolarment suxxettibbli għan-nuqqas ta' rappurtar. Din kompliet tiżdied f'dawn l-aħħar 10 snin. Din baqgħet marda taż-żgħażagħ bir-rata ta' notifika fost dawk ta' bejn il-15 u l-24 sena tkun ta' 976 għal kull 100 000 popolazzjoni; in-nisa ta' età żgħira kienu affettwati aktar spiss mill-irġiel ta' età żgħira.

Għalkemm it-tendenza tan-notifiki tal-epatite C hija relattivament stabbli u r-rati tal-epatite B jidhru li naqsu meta mqabbla mas-snin ta' qabel, hemm limitazzjonijiet persistenti f'din id-dejta. L-interpretazzjoni ta' dawn it-tendenzi hija mfixkla minn differenzi pjuttost kbar bejn is-sistemi ta' sorveljanza, bidliet reċenti fir-rappurtar, għadd sinifikanti ta' każijiet mhux dijanjostikati, differenzi possibbli fid-definizzjonijiet użati tal-każijiet (jiġifieri użu u/jew interpretazzjoni differenti tal-indikaturi tal-epatite B) u rappurtar mhux komplut f'ċerti pajjiżi. Barra minn hekk, xi pajjiżi ma jagħmlux distinzjoni bejn rapporti ta' każijiet akuti u kroniċi ta' epatite B u C u dan, flimkien mar-rata għolja ta' każijiet mingħajr sintomi, iwassal għal taħlita ta' dejta li ma tistax titqabbel faċilment bejn il-pajjiżi. L-ECDC qiegħed jaħdem sabiex itejjeb is-sorveljanza mtejba ta' dawn l-infezzjonijiet virali, inkluż it-titjib tal-armonizzazzjoni tas-sorveljanza tal-epatite B u C fil-livell Ewropew.

## Infezzjonijiet tal-apparat respiratorju

Kull xitwa, mijiet ta' eluf ta' persuni fl-UE jimirdu serjament u jmutu minħabba l-influwenza staġonali. L-istaġun tal-influwenza tal-2008/09 fl-Ewropa beda fit-48 ġimgħa/2008, dam madwar 10 ġimgħat f'kull pajjiż affettwat u ntemm fis-16-il ġimgħa/2009, wara li l-perjodu tal-ogħla attività kien qasam il-kontinent mill-Punent għal-Lvant u mbagħad għax-Xlokk. L-istaġun tal-2008/09 għall-ewwel kien iddominat mill-influwenza A(H3N2) u mbagħad sa ċertu punt inqas mill-influwenza B, bl-A(H3N2) jirrappreżenta l-aktar sejbiet ta' virus inġenerali. Il-parti l-kbira tal-virusijiet tal-influwenza B li kienet qiegħda tiċċirkola ma kinux jaqblu mal-komponent B inkluż fil-vaċċin tal-influwenza fl-emisfera ta' Fuq fl-2008/09. Madankollu, dan aktarx li ma kienx ta' sinifikat partikolari għas-saħħa pubblika minħabba l-prevalenza relattivament baxxa ta' virusijiet B osservati waqt l-istaġun. Fid-19-il ġimgħa/2009, fl-aħħar tal-'istaġun normali', l-ewwel virus tal-influwenza pandemika A(H1N1) instab f'kampjun taħt sorveljanza. Dan kien segwit mill-mewġa tal-pandemija tar-rebbiegħa u tas-sajf.

Fl-2008, reġa' kien hemm tifqigħat ta' influwenza avjarja ferm patoġenika u influwenza avjarja b'livell patoġeniku baxx irrappurtati fl-għasafar fl-UE iżda dawn kienu inqas milli fl-2007. Ma ġie rrappurtat l-ebda każ fil-bniedem assoċjat ma' dawn it-tifqigħat.

Ir-rata ta' notifika tal-marda Leġjonarja (leġjonellożi) fil-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE/EFTA baqgħet stabbli b'1.2 għal kull 100 000 popolazzjoni. Il-perjodu l-aktar intensiv ta' każijiet irrappurtati f'Lulju osservat fis-snin ta' qabel kien itwal fl-2008, u dam għaddej minn Ġunju sa Settembru. L-għadd ta' każijiet irrappurtati ta' mard Leġjonarju assoċjat mal-ivvjaġġar kien aktar baxx milli fl-2007, bħan-numru ta' raggruppamenti assoċjati mal-ivvjaġġar.

Kien hemm tnaqqis annwali medju kostanti fl-għadd ta' każijiet ta' TB f'dawn l-aħħar ħames snin, għalkemm 28 pajjiż tal-UE u taż-ŻEE/EFTA xorta rrappurtaw 82 611-il każ ta' TB (rata ta' notifika ta' 16.7 għal kull 100 000 popolazzjoni) fl-2008. Fl-UE it-TB hija aktar komuni fost il-migranti, dawk bla dar, nies foqra fil-qalba tal-ibliet, priġunieri, nies li jgħixu bl-HIV, u dawk li jieħdu d-droga, iżda d-dejta tal-2008 tikkonferma stampa eteroġenea, bi tliet kategoriji epidemjoloġiċi wiesgħa:

- pajjiżi b'inċidenza baxxa, b'każijiet ikomplu jakkumulaw fil-popolazzjoni ta' oriġini barranija u li xi drabi jirrappurtaw aktar notifiki;
- pajjiżi b'rati ta' notifika relattivament moderati sa għoljin li qegħdin jonqsu, b'livelli baxxi ta' MDR TB; u
- pajjiżi b'rati ta' notifika relattivament għoljin u bi proporzjon għoli ta' każijiet ta' MDR TB, iżda għal darb'oħra b'rati ta' TB li ġeneralment qegħdin jonqsu.

Barra minn hekk, il-proporzjon ta' każijiet ta' tuberkolożi reżistenti għall-mediċini kkombinati (MDR TB) żdied minn 4% għal 6% bejn l-2007 u l-2008, l-aktar minħabba skemi ta' trattament mhux kompluti jew mhux imfassla tajjeb. Ir-rata ta' suċċess tal-eżitu tat-trattament għal dawn il-każijiet ta' MDR TB ukoll baqgħet estremament baxxa bi 30.9% għall-koorti tal-2006. Għalkemm il-kwalità, ir-rappreżentanza u l-kompletezza ta' dejta ta' reżistenza għat-tieni linja għadhom jistgħu jitjiebu, iċ-ċifri jikkonfermaw li l-XDR TB issa hija stabbilita fil-fruntieri tal-UE.

## Mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini

Ħafna mill-mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini b'eżiti aktar serji (bħall-poljo, difterja jew it-tetnu) issa huma kważi eliminati għal kollox mill-UE/ŻEE. Storja oħra ta' suċċess fi kważi kull pajjiż tal-UE hija l-impatt tal-vaċċin tal-Hib inkluż fl-iskedi nazzjonali ta' tilqim tagħhom. Għall-bqija tal-mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini, il-problemi baqgħu relatati mal-kisba ta' aktar kopertura tal-gruppi tal-popolazzjoni li diffiċilment jistgħu jintlaħqu. Barra minn hekk, dubji mhux ġustifikati dwar is-sigurtà tal-vaċċini tefgħu lura l-miri għal ħafna minn dawn l-infezzjonijiet, biex b'hekk ħolqu tifqigħat lokalizzati li kellhom ikunu evitati għal kollox.

Marda ta' dan it-tip hija l-ħożba. L-għadd totali ta' każijiet ta' ħożba fil-pajjiżi tal-UE u tal-EFTA kien konsiderevolment ogħla fl-2008 milli fl-2007. Dan kien dovut għal tifqigħat kbar f'bosta pajjiżi, bl-ogħla numru ta' każijiet fl-Isvizzera, l-Italja, l-Awstrija, il-Ġermanja, Franza u r-Renju Unit. Jeħtieġ impenn politiku qawwi biex titrażżan din it-tendenza inkwetanti.

B'kuntrast ma' dan, in-numru ta' każijiet ta' rubella rrappurtati u kkonfermati fil-laboratorju naqas bejn l-2007 u l-2008. Minkejja tnaqqis ġenerali kbir fl-għadd ta' każijiet ta' infezzjoni konġenita ta' rubella wara l-introduzzjoni tat-tilqim, xorta għadhom iseħħu każijiet rari fl-Ewropa. Kopertura mhux daqstant ottimali bil-vaċċin tal-ħożba-gattone-rubella tista' toħloq gruppi ta' persuni suxxettibbli, segwita minn żieda f'dak il-mard, inkluża l-infezzjoni konġenita ta' rubella.

Ir-rata ġenerali ta' notifika ta' mard pnewmokokkali invażiv (IPD) kienet ta' 5.2 għal kull 100 000 popolazzjoni fl-2008, fost l-ogħla rata tal-mard kollu li jista' jiġi evitat bil-vaċċini. Hemm eteroġeneità wiesgħa ta' sistemi ta' sorveljanza għall-IPD fl-UE, fit-tip ta' sistemi ta'sorveljanza fis-seħħ, il-kopertura tagħhom u d-definizzjonijiet użati għall-każijiet; filwaqt li f'ċerti pajjiżi m'hemmx sistemi ta' sorveljanza. L-ECDC qiegħed jintroduċi sorveljanza aqwa fl-UE, li tinkludi ukoll is-sorveljanza fil-laboratorji, sabiex jikkontrolla aħjar it-tendenzi fis-serotipi, b'mod speċjali f'dawk mhux koperti mill-vaċċin.

## Konklużjonijiet

Dan is-sommarju tad-dejta u tat-tendenzi tal-2008 jissuġġerixxi li l-prijoritajiet għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed fl-UE ma nbidlux sostanzjalment f'dawn l-aħħar snin. F'każ ta' ċertu mard kien hemm xi tnaqqis fl-inċidenza u fl-għadd ta' każijiet permezz ta' azzjonijiet organizzati ta' prevenzjoni u ta' kontroll mill-Istati Membri (għalkemm il-livelli baqgħu għoljin f'partijiet speċifiċi tal-popolazzjoni u fil-gruppi f'riskju). Madankollu, għad fadal bosta problemi ta' mard li jittieħed, l-akbar fosthom huma:

- ir-reżistenza antimikrobjali;
- l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa;
- l-infezzjonijiet trasmessi b'mod sesswali, b'mod speċjali kkawżati mill-HIV u l-Chlamydia;
- l-infezzjonijiet tal-apparat respiratorju kkawżati mill-influwenza (potenzjal ta' pandemija kif ukoll epidemiji staġonali annwali), it-tuberkolożi u l-infezzjonijiet pnewmokokkali.

Fil-każ ta' xi wħud minn dan il-mard aktar azzjonijiet konġunti (eż. permezz tat-tilqim u miżuri simili ta' kontroll) jistgħu jwasslu sabiex l-UE, u eventwalment l-Ewropa, jiġu ddikjarati 'ħielsa' minn dan il-mard, kif inhu l-każ ta' ħafna mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċin. Madankollu, l-Istati Membri tal-UE għadhom 'il bogħod milli jilħqu l-miri diġà stabbiliti mill-programmi ta' eliminazzjoni tal-mard, b'mod speċjali fir-rigward tal-ħożba fejn it-tendenza ta' tnaqqis inqalbet. Bl-istess mod, it-titjib tas-sensittività u l-ispeċifiċità tas-sorveljanza tar-rubella hija essenzjali fid-dawl tal-mira ta' eliminazzjoni tal-2010 tal-WHO. Fil-każ tal-infezzjonijiet pnewmokokkali, qed ikompli jiżdied it-tħassib dwar il-possibbiltà li, wara l-introduzzjoni tal-vaċċin, is-serotipi koperti mill-vaċċin pnewmokokkali konjugat jistgħu jiġu sostitwiti minn serotipi mhux koperti, kif diġà ġie osservat fl-Istati Uniti.

Id-dejta mill-2008 kompliet issostni li r-reżistenza antimikrobjali tirrappreżenta periklu dejjem akbar għas-saħħa pubblika fl-Ewropa. Il-problema titlob kooperazzjoni internazzjonali – kif ukoll sforzi organizzati fil-livell nazzjonali – sabiex titrażżan u tiġi evitata l-okkorrenza ta' reżistenza antimikrobjali. Bl-istess mod, l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa huma problema dejjem akbar li jeħtieġu politiki konsistenti ta' prevenzjoni u ta' kontroll. Dawk li jfasslu l-politiki jibbenefikaw minn dejta aktar affidabbli li hija mistennija mill-isforzi biex jitjiebu s-sistemi ta' sorveljanza li huma bbażati prinċipalment fl-isptarijiet jew fil-faċilitajiet tal-kura fit-tul.

Għalkemm it-tendenza ġenerali tat-TB qiegħda tonqos, dawk tal-MDR TB u tal-HIV flimkien mat-TB qegħdin ikomplu jiżdiedu. Bl-istess mod, it-tendenza ġenerali tal-HIV qiegħda tiżdied. Fiż-żewġ każijiet dawn iż-żewġ infezzjonijiet jeħtieġu attenzjoni serja biex jinżammu l-attivitajiet nazzjonali u internazzjonali ta' prevenzjoni u kontroll stretti, inkluż aktar investiment fis-sorveljanza. Ir-rappurtar tal-komorbidità tat-TB/HIV għadu mhux komplut għalkemm hemm xi pjanijiet ġodda biex titjieb din is-sitwazzjoni.

L-influwenza kompliet turi kemm huma imprevedibbli l-epidemiji staġonali, bi staġun relattivament sever iddominat mill-virus tal-A(H3N2) li wassal għal pandemija tal-A(H1N1) li oriġinat fl-Ameriki.

**Tabella A: Ħarsa ġenerali lejn it-tendenza ġenerali reċenti, ir-rata ta' notifika tal-UE u l-gruppi ta' etajiet ewlenin affettwati mill-mard li jittieħed fil-livell tal-UE fl-2008**

| Marda | Tendenza ġenerali | Rata ta' notifika fl-UE għal kull 100 000 (2008) | Gruppi ta' età l-aktar affettwati (2008) |
|---|---|---|---|
| **Infezzjonijiet tal-apparat respiratorju** | | | |
| Influwenza | ↔ | L-ebda dejta | 0–14 |
| Influwenza avjarja | Dejta insuffiċjenti | 0 | Dejta insuffiċjenti |
| Marda tal-Leġjonella (leġjonellożi) | ↑ | 1.2 | ≥ 65 |
| Tuberkolożi | ↓ | 16.7 | 25–44 |
| **HIV, infezzjonijiet trasmessi sesswalment u infezzjonijiet virali fid-demm** | | | |
| Infezzjoni ta' chlamydia | ↑ | 149.9 | 15–24 |
| Gonorrea | ↓ | 8.6 | 15–24, 25–44 |
| Epatite B | ↓ | 1.3 | 25–44 |
| Epatite C | ↑ | 9.0 | 25–44 |
| HIV | ↑ | 5.7 | 25–44 |
| AIDS | ↓ | 1.1 | 40–49 |
| Sifilide | ↔ | 4.2 | 25–44 |
| **Mard u żoonożi li jin ġarru mill-ikel u mill-ilma** | | | |
| Antraks | ↓ | < 0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Botuliżmu | ↔ | < 0.1 | 25–44 |
| Bruċellożi | ↓ | 0.2 | 45–64, 25–44 |
| Kampilobatterjożi | ↑ | 44.1 | 0–4 |
| Kolera | ↓ | <0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Kriptosporidjożi | ↔ | 2.4 | 0–4 |
| Ekinokokkożi | ↔ | 0.2 | 45–44, ≥ 65 |
| *Escherichia coli* li jipproduċu Vero/Shiga toxin (VTEC/STEC) | ↔ | 0.7 | 0–4 |

| Marda | Tendenza ġenerali | Rata ta' notifika fl-UE għal kull 100 000 (2008) | Gruppi ta' età l-aktar affettwati (2008) |
|---|---|---|---|
| Giardiasis | ↓ | 59.6 | 0–4 |
| Epatite A | ↓ | 3.3 | 5–14 |
| Leptospirożi | ↔ | 0.2 | 45–64 |
| Listerijożi | ↔ | 0.3 | ≥ 65 |
| Salmonellożi | ↓ | 29.8 | 0–4 |
| Xigellożi | ↔ | 1.8 | 0–4 |
| Tossoplażmożi | ↓ | 0.8 | 15–24 |
| Trikinellożi | ↔ | 0.1 | 25–44 |
| Tularemja | ↔ | 0.2 | 45–64 |
| Deni tat-tifojde/tal-paratifojde | ↔ | 0.3 | 0–4, 5–44 |
| Varjant CJD | Dejta insuffiċjenti | < 0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Jersinjożi | ↑ | 2.7 | 0–14 |
| **Mard emerġenti u li jinġarr mill-organiżmi** | | | |
| Malarja | ↔ | 1.2 | 25–44 |
| Pesta | Dejta insuffiċjenti | 0 | Dejta insuffiċjenti |
| Deni Q | ↔ | 0.4 | 45–64 |
| Sindrome respiratorja akuta severa (SARS) | Dejta insuffiċjenti | 0 | Dejta insuffiċjenti |
| Ġidri | Mhux applikabbli | 0 | Dejta insuffiċjenti |
| Deni Chikungunya | Dejta insuffiċjenti | < 0.01 | 45–64 |
| Deni dengue | Dejta insuffiċjenti | 0.1 | 25–44 |
| Infezzjoni Hantavirus | Dejta insuffiċjenti | 1.4 | 25–44, 45–64 |
| Deni tan-Nil tal-Punent | Dejta insuffiċjenti | < 0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Deni isfar | Dejta insuffiċjenti | 0 | L-ebda każ |
| **Mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini** | | | |
| Difterja | ↓ | <0.01 | 5–14, 45–64 |
| Infezzjoni invażiva kkawżata minn *Haemophilus influenzae* | ↓ | 0.5 | ≥ 65, 0–4 |
| Marda meninġokokkali invażiva | ↓ | 0.9 | 0–4 |
| Infezzjoni pnewmokokkali invażiva | ↓ | 5.2 | ≥ 65, 0–4 |
| Ħożba | ↔ | 0.9 | 0–4 |
| Gattone | ↓ | 2.8 | 5–14 |
| Pertussis | ↔ | 5.3 | 5–14 |
| Poljomijelite | Dejta insuffiċjenti | 0 | Dejta insuffiċjenti |
| Rabja | ↓ | < 0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Rubella | ↓ | 0.6 | 0–4 |
| Tetnu | ↓ | < 0.1 | ≥ 65 |
| **Reżistenza antimikrobjali u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa** | | | |
| Reżistenza antimikrobjali | ↑ | Mhux applikabbli | Dejta insuffiċjenti |

| Marda | Tendenza ġenerali | Rata ta' notifika fl-UE għal kull 100 000 (2008) | Gruppi ta' età l-aktar affettwati (2008) |
|---|---|---|---|
| Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa | ↑ | Mhux applikabbli | Dejta insuffiċjenti |

# 9 Is-sorveljanza tar-reżistenza antimikrobjali fl-Ewropa 2009

(Ippubblikat f'Novembru 2010)

Dan huwa l-ewwel Rapport Annwali tan-Netwerk Ewropew ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobjali (EARSNet) wara t-tranżizzjoni tas-Sistema Ewropeja ta' Sorveljanza għar-Reżistenza Antimikrobjali (EARSS) għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) sal-1 ta' Jannar 2010. Dan ir-rapport jirrappreżenta l-kontinwità tas-sensiela ta' Rapporti Annwali siewja ferm tal-EARSS ippubblikati min-netwerk sa mill-2001.

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, ir-reżistenza antimikrobjali kompliet tersaq lejn pożizzjoni dejjem aktar prominenti fuq l-aġenda tas-saħħa pubblika fl-Ewropa. Is-sorveljanza tar-reżistenza antimikrobjali li saret qabel mill-EARSS, u issa mill-EARS-Net, kellha rwol importanti fil-forniment ta' dokumentazzjoni dwar l-okkorrenza u t-tixrid tar-reżistenza antimikrobjali, u sabiex iżżid l-għarfien tal-problema fil-livell politiku, fost l-uffiċjali tas-saħħa pubblika u fil-komunità xjentifika.

Abbażi tad-dejta dwar ir-reżistenza antimikrobjali rrappurtata lill-EARS-Net minn 28 pajjiż fl-2009, u fuq ir-riżultati tal-analiżijiet tat-tendenzi inkluża d-dejta tal-EARSS tas-snin preċedenti, is-sitwazzjoni tar-reżistenza fl-Ewropa turi varjazzjoni kbira skont it-tip tal-patoġenu, is-sustanza antimikrobjali u r-reġjun ġeografiku.

Fl-2009, l-aktar riżultati ta' reżistenza ta' tħassib ġew min-nuqqas mgħaġġel fis-suxxettibbiltà tal-*Escherichia coli* invażiva għal bażikament is-sustanzi antimikrobjali kollha inklużi fis-sorveljanza tal-EARS-Net ħlief għall-carbapenems, u mill-prevalenza għolja ta' reżistenza fi *Klebsiella pneumoniae* għas-cephalosporins, il-fluoroquinolone u l-aminoglycosides tat-tielet ġenerazzjoni. F'nofs il-pajjiżi li rrappurtaw, il-proporzjon ta' iżolati ta' *K. pneumoniae* multireżistenti (reżistenza kkombinata għas-cephalosporins, il-fluoroquinolone u l-aminoglycosides tat-tielet ġenerazzjoni) huwa ogħla minn 10%, u xi pajjiżi issa qegħdin jirrappurtaw ukoll proporzjonijiet għoljin ta' reżistenza għall-carbapenems. Dawn l-antibijotiċi intużaw ħafna f'bosta pajjiżi minħabba ż-żieda fir-rata ta' Enterobacteriaceae li jipproduċu extended-spectrum beta-lactamase (ESBL) b'impatt konsegwenti fuq l-emerġenza ta' produzzjoni ta' carbapenemase (VIM, KPC u NDM-1), b'mod speċjali f'*K. pneumoniae*.

L-ogħla proporzjonijiet ta' reżistenza fl-*E. coli* kienu rrappurtati għall-aminopeniċillini li jvarjaw sa 66%. Irrispettivament mil-livell għoli ta' reżistenza, il-proporzjonijiet qegħdin ikomplu jiżdiedu anki f'pajjiżi li diġà qegħdin jippreżentaw livelli ta' reżistenza 'l fuq sew minn 50%. Ir-reżistenza għas-cephalosporins tat-tielet ġenerazzjoni fl-*E. coli* żdiedet ukoll b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar erba' snin f'aktar min-nofs il-pajjiżi li rrappurtaw. Din ir-reżistenza hija marbuta b'mod dirett mal-proporzjonijiet għoljin (85–100%) ta' ESBL pożittivi fost l-iżolati reżistenti fil-pajjiżi li rrappurtaw dwar l-ESBL fl-2009.

Tendenzi oħrajn fl-okkorrenza ta' reżistenza rrappurtati lill-EARS-Net iżidu t-tama li l-isforzi nazzjonali għall-kontroll tal-infezzjonijiet u l-isforzi mmirati lejn it-trażżin tar-reżistenza jistgħu f'xi każijiet iwaqqfu l-iżvilupp tar-reżistenza, jew saħansitra jaqilbu t-tendenzi mhux mixtieqa ta' reżistenza, bħal fil-każ tal-iżvilupp għal *Staphylococcus aureus* reżistenti għall-metiċillina (MRSA). Anki jekk il-proporzjon ta' MRSA fost *Staphylococcus aureus* għadu ogħla minn 25% f'10 pajjiżi minn 28, l-okkorrenza ta' MRSA qiegħda tistabbilizza jew tonqos f'ċerti pajjiżi u ġie osservat tnaqqis kostanti fl-Awstrija, fi Franza, fl-Irlanda, fil-Latvja u fir-Renju Unit.

Barra minn hekk, ir-Renju Unit wera tnaqqis konsistenti ta' proporzjonijiet reżistenti f'*K. pneumoniae* għall-klassijiet kollha ta' antibijotiċi issorveljati, u f'ċerti pajjiżi (il-Greċja, il-Ġermanja, l-Italja u Franza) l-isforzi biex tiġi kkontrollata r-reżistenza għall-glycopeptide f'*Enterococcus faecium* jidhru li qegħdin jirnexxu u qegħdin jirriżultaw fi tnaqqis kontinwu ta' proporzjonijiet ta' iżolati reżistenti. Sadanittant, ir-reżistenza ta' livell għoli għall-aminoglycoside f'*Enterococcus faecalis* tidher li qiegħda tistabbilizza f'livell relattivament għoli. Il-parti l-kbira tal-pajjiżi rrappurtaw proporzjonijiet ta' iżolati reżistenti bejn it-30% u l-50%.

Fil-każ ta' *Streptococcus pneumoniae*, in-nuqqas ta' suxxettibbiltà għall-peniċillina hija ġeneralment stabbli fl-Ewropa u n-nuqqas ta' suxxettibbiltà għall-makrolidi naqset f'sitt pajjiżi filwaqt li l-ebda pajjiż ma rrapporta tendenzi ta' żieda. Għal *Pseudomonas aeruginosa*, proporzjonijiet għoljin ta' reżistenza għall-fluoroquinolones, carbapenems u reżistenza kkombinata ġew irrappurtati minn bosta pajjiżi, b'mod speċjali fl-Ewropa ta' Isfel u fl-Ewropa tal-Lvant.

Fil-każ ta' bosta kombinazzjonijiet antimikrobjali u patoġeni, eż. ir-reżistenza għall-fluoroquinolone fl-*E. coli*, *K. pneumoniae*, *P. aeruginosa* u għall-MRSA, hija evidenti xaqliba mit-Tramuntana għan-Nofsinhar tal-Ewropa. Inġenerali, proporzjonijiet aktar baxxi ta' reżistenza huma rrappurtati fit-Tramuntana u dawk għoljin huma rrappurtati fin-Nofsinhar tal-Ewropa li aktarx jirrifletti d-differenzi fil-prattiki ta' kontroll tal-infezzjonijiet, il-preżenza u n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni rigward il-preskrizzjoni ta' antimikrobjali u fatturi magħrufa oħrajn li jinfluwenzaw l-okkorrenza tar-reżistenza.

Madankollu, fil-każ ta' *K. pneumoniae*, żieda fit-tendenzi ta' reżistenza għal klassijiet speċifiċi ta' antibijotiċi u ta' multireżistenza ġew osservati ukoll fil-pajjiżi tat-Tramuntana tal-Ewropa, bħad-Danimarka u n-Norveġja, li tradizzjonalment għandhom approċċ prudenti lejn l-użu tal-antibijotiċi.

Minbarra l-analiżi regolari tat-tendenzi u l-ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni, dan ir-rapport tal-2009 tal-EARS-Net jinkludi ukoll kapitolu ġdid li jiffoka fuq analiżi fil-fond tal-*E. coli* u l-MRSA. Dawn l-analiżijiet huma bbażati esklussivament fuq dejta minn laboratorji li ilhom jirrappurtaw b'mod konsistenti għal bosta snin. L-analiżi fil-fond tikkonferma żieda konsistenti fir-reżistenza għal diversi mediċini u tiżvela tnaqqis kostanti u sinifikanti ta' suxxettibbiltà antimikrobjali fl-*E. coli* fuq bosta snin. Għall-MRSA, it-tnaqqis osservat aktarx li jirrifletti l-effikaċja tal-miżuri ta' kontroll tal-infezzjoni fl-isptarijiet, u jista' saħansitra jħalli xi tama li l-istrateġiji ta' trażżin jirnexxu f'oqsma oħrajn.

Fl-aħħar nett, id-dejta rrappurtata lill-EARS-Net għall-2009 mill-pajjiżi parteċipanti tipprovdi linja bażi ta' għarfien dwar l-okkorrenza tar-reżistenza antimikrobjali fl-Ewropa u tiddokumenta t-tnaqqis sfortunat u kostanti tal-għażliet ta' trattament antimikrobjali għall-patoġeni batterjali ewlenin.

# 10 Is-sorveljanza tal-HIV/AIDS fl-Ewropa 2009

(Ippubblikat f'Novembru 2010)

## Punti ewlenin

L-infezzjoni bl-HIV tibqa' ta' importanza kbira għas-saħħa pubblika fl-Ewropa, b'evidenza li t-trasmissjoni ta' HIV fl-Ewropa qiegħda tkompli. Inġenerali, minkejja r-rappurtar mhux komplut, m'hemmx indikazzjoni ċara ta' tnaqqis fin-numru ta' każijiet ġodda ddijanjostikati kull sena. Mill-2004, ir-rata ta' każijiet ġodda ta' HIV ddijanjostikati rrappurtati għal kull 100 000 popolazzjoni żdiedet bi kważi 30%, minn 6.6 għal kull 100 000 popolazzjoni fl-2004 għal 8.5 għal kull 100 000 fl-2009. In-numru ta' każijiet ta' AIDS dijanjostikati kompla jonqos fir-Reġjun Ewropew tal-WHO, ħlief fil-Lvant, fejn in-numru ta' każijiet ta' AIDS żdied. Fost it-48 pajjiż li kostantement jirrappurtaw dejta dwar l-AIDS għall-2004–09, ir-rata ta' dijanjosijiet irrappurtati ta' AIDS naqset minn 2.0 għal kull 100 000 popolazzjoni għal 1.0 għal kull 100 000.

- Fl-2009, ġew iddijanjostikati u rrappurtati 53 427 każ ta' HIV minn 49 pajjiż mill-53 fir-Reġjun Ewropew tal-WHO (dejta mhux disponibbli mill-Awstrija, Monako, ir-Russja jew it-Turkija). L-ogħla rati kienu rrappurtati mill-Estonja, il-Moldova, l-Ukraina u l-Uzbekistan.
- Ġew irrappurtati 6 568 każ ta' AIDS minn 48 pajjiż (dejta mhux disponibbli mill-Awstrija, l-Isvezja, Monako, ir-Russja jew it-Turkija).
- Fl-2009, ġew irrappurtati 25 917-il każ ta' infezzjoni bl-HIV iddijanjostikati ġodda mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea (UE/ŻEE) (dejta mhux disponibbli mill-Awstrija). Fl-UE/ŻEE, l-ogħla rati ġew irrappurtati mill-Estonja, il-Latvja, il-Portugall u r-Renju Unit.
- Fl-UE/ŻEE, il-mod predominanti ta' trasmissjoni għall-infezzjoni bl-HIV huwa s-sess bejn l-irġiel, segwit mill-kuntatt eterosesswali. Madwar 38% tal-każijiet irrappurtati li nkisbu b'mod eterosesswali kienu ddijanjostikati f'individwi li joriġinaw minn pajjiżi b'epidemiji ġeneralizzati ta' HIV.
- Fit-tliet żoni ġeografiċi/epidemjoloġiċi, il-mod predominanti ta' trasmissjoni ivarja skont iż-żona, li juri d-diversità wiesgħa fl-epidemjoloġija tal-HIV fl-Ewropa. Għalkemm id-dejta rrappurtata tissuġġerixxi li t-trasmissjoni eterosesswali saret il-mod dominanti ta' trasmissjoni fil-Lvant, l-inklużjoni ta' każijiet mir-Russja, mhux disponibbli għal dan ir-rapport, iżid b'mod sinifikanti l-proporzjon relattiv minħabba t-teħid ta' drogi bis-siringa. It-teħid ta' drogi bis-siringa mbagħad jammonta għal aktar infezzjonijiet fir-Reġjun inġenerali u fil-Lvant b'mod partikolari. Fiċ-Ċentru l-mod predominanti ta' trasmissjoni ta' HIV huwa s-sess bejn l-irġiel segwit mill-kuntatt eterosesswali. Bl-istess mod, fil-Punent, il-mod predominanti ta' trasmissjoni huwa s-sess bejn l-irġiel, segwit mill-kuntatt eterosesswali, fejn il-każijiet li joriġinaw minn pajjiżi b'epidemiji ġeneralizzati huma esklużi.
- Id-dejta ppreżentata hawnhekk għandha ċerti limitazzjonijiet, minħabba r-rappurtar mhux komplut u n-nuqqas ta' dejta minn għadd ta' pajjiżi u minħabba li d-dejta ddum ma tiġi rrappurtata. Dan jillimita l-konklużjonijiet li jistgħu jsiru rigward id-daqs u l-ambitu tal-epidemiji tal-HIV u tal-AIDS fl-Ewropa. Kieku d-dejta kellha tkun korretta għal dawn il-limitazzjonijiet, l-għadd globali ta' infezzjonijiet bl-HIV kien aktar minn jirdoppja għall-2009.

## Rakkomandazzjonijiet għas-sorveljanza tal-HIV/AIDS

Id-dejta ta' sorveljanza tal-HIV/AIDS hija vitali għall-monitoraġġ tal-istatus attwali u t-tendenzi tal-epidemija tal-HIV u sabiex tiggwida r-rispons tas-saħħa pubblika. Għaldaqstant il-pajjiżi kollha fl-Ewropa għandhom:

- jimplimentaw sistemi ta' rappurtar nazzjonali bbażati fuq il-każijiet għall-każijiet tal-HIV u tal-AIDS u jiżguraw li d-dejta tkun kompluta u puntwali; u
- itejbu l-kwalità tad-dejta rrappurtata, b'mod speċjali rigward rotot probabbli ta' trasmissjoni u l-għadd ta' ċelloli CD4.

## Rakkomandazzjonijiet għas-saħħa pubblika

L-interventi għall-kontroll tal-epidemija għandhom ikunu ibbażati fuq l-evidenza u għandhom ikunu xierqa għall-pajjiż u s-sitwazzjoni epidemjoloġika tiegħu. Mid-dejta ta' sorveljanza disponibbli huwa raġonevoli li wieħed jirrakkomanda dan li ġej:

- Għall-pajjiżi tal-Lvant: l-interventi għall-kontroll tal-HIV fost dawk li jużaw il-labar għad-drogi, inklużi programmi ta' tnaqqis ta' ħsara, għandhom ikunu l-pedament tal-istrateġiji ta' prevenzjoni tal-HIV. Il-miżuri
- għandhom jissaħħu ukoll sabiex tiġi evitata t-trasmissjoni eterosesswali mmirata lejn dawk b'sieħeb f'riskju
- għoli.
- Għall-pajjiżi fiċ-Ċentru: il-prevenzjoni għandha tkun adattata għaċ-ċirkostanzi ta' kull pajjiż sabiex l-epidemija tiġi limitata għal-livell baxx attwali tagħha. Madankollu, minħabba li l-epidemija fost l-irġiel li

jkollhom relazzjoni sesswali ma' rġiel oħra qiegħda tiżdied, l-interventi ta' kontroll tal-HIV fost dan il-grupp għandhom jissaħħu bħala prijorità.

- Għall-pajjiżi tal-Punent: l-interventi għall-kontroll tal-HIV fost l-irġiel li jkollhom relazzjoni sesswali ma' rġiel
- oħra għandhom ikunu l-pedament ta' strateġiji ta' prevenzjoni tal-HIV, inkluż programmi innovattivi għal dan il-grupp. L-interventi għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kura għandhom ikunu adattati sabiex jilħqu popolazzjonijiet migranti.
- B'mod ġenerali, il-pariri u t-testijiet għall-HIV għandhom ikunu promossi sabiex jiġu żgurati dijanjożi bikrija u aċċess għat-trattament u pariri sabiex jgħinu jevitaw u jipprevjenu aktar trasmissjoni biex jonqos l-għadd ta' dawk li jippreżentaw ruħhom tard u jtejbu l-eżiti ta' trattament fuq żmien twil għall-individwi kkonċernati. L-ekwità fl-aċċess għat-trattament u l-kura tal-HIV għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni fil-bżonn għandha tkun żgurata sabiex il-pajjiżi jkunu jistgħu jilħqu l-mira globali ta' Aċċess Universali għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kura u sabiex jinkisbu l-miri stabbiliti fil-Komunikazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni tal-UE 'Il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi Ġirien, 2009–2013'.

# Rapporti speċjali

## 11 L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin dwar is-Sħubija għall-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali: rapport ta' progress 2010

(Ippubblikat f'Settembru 2010)

Fi Frar 2004, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi Ewropej u tal-Asja ċentrali ltaqgħu f'Dublin u ħarġu dikjarazzjoni ffukata fuq it-tħaffif tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Impenn li l-pajjiżi għamlu fis-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (UNGASS) dwar l-HIV/AIDS fl-2001.

Allura, xi progress sar? Dan huwa l-iskop ta' dan ir-rapport. Dan jipprova jiddokumenta l-kisbiet, bl-użu ta' rapporti bbażati fuq il-pajjiżi, f'konfront ma' għadd magħżul ta' indikaturi ta' rilevanza għall-pajjiżi tar-reġjun. Huwa juża dejta eżistenti, fejn huwa possibbli, u jibni fuq il-ħidma preċedenti, inġenerali, u b'mod partikolari, ir-rapport maħruġ mill-Uffiċċju Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa u UNAIDS fl-2008. Kwestjonarji mfasslin apposta ntbagħtu lil 55 pajjiż u waslu tweġibiet minn 49 pajjiż.

### Tmexxija u sħubija politika

Kważi l-pajjiżi kollha jirrappurtaw li għandhom qafas strateġiku għar-rispons tagħhom għall-HIV (92%) u korp ta' ġestjoni/koordinazzjoni (84%). Tmien pajjiżi rrappurtaw li żviluppaw l-oqsfa strateġiċi tagħhom f'dawn l-aħħar ħames snin, jiġifieri mid-Dikjarazzjoni ta' Dublin. Madankollu, m'huwiex ċar jekk dawn il-miżuri ġeneriċi humiex prokuri xierqa għal tmexxija politika fuq l-HIV fir-reġjun. Miżuri aktar xierqa jistgħu jkunu:

- il-grad li fih ir-riżorsi finanzjarji għall-prevenzjoni tal-HIV jiġu mmirati kif xieraq lejn popolazzjonijiet ewlenin, bħal dawk li jużaw is-siringi biex jieħdu d-droga (IDU), l-irġiel li jkollhom rapporti sesswali ma' rġiel oħra (MSM) u dawk li jagħmlu xogħol sesswali;
- kemm il-pajjiżi qegħdin jimplimentaw interventi ewlenin, bħal programmi ta' tnaqqis ta' ħsara għall-IDU u programmi ta' prevenzjoni għall-MSM fuq skala suffiċjenti; u
- kemm il-pajjiżi indirizzaw kwistjonijiet politiċi diffiċli iżda essenzjali relatati ma' popolazzjonijiet marġinalizzati u li huma l-aktar fir-riskju, bħall-provvediment ta' programmi ta' tnaqqis ta' ħsara għall-IDU fl-ambjenti tal-ħabs u aċċess għal servizzi għall-migranti minn pajjiżi b'epidemiji ġeneralizzati ta' HIV.

Inġenerali, hemm evidenza qawwija li s-soċjetà ċivili hija rikonoxxuta sew bħala attur prinċipali fir-rispons għall-HIV fir-reġjun u li hija involuta ferm f'dak ir-rispons. Pereżempju, kważi l-pajjiżi kollha (98%) irrappurtaw li sa ċertu punt involvew lis-soċjetà ċivili fl-iżvilupp tal-qafas strateġiku tagħhom. F'konformità mas-sejbiet tal-ewwel rapport dwar il-progress tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin, kemm il-gvernijiet kif ukoll is-soċjetà ċivili rrappurtaw benefiċċji speċifiċi bl-inklużjoni tas-soċjetà ċivili fir-rispons għall-HIV, u s-soċjetà ċivili kkummentat li l-kuntest għall-involviment tagħhom fir-rispons tjieb bejn l-2005 u l-2007. L-involviment formali tas-settur privat fir-rispons għall-HIV jidher li huwa ferm aktar limitat.

L-epidemiji tal-HIV fl-Ewropa u fl-Asja ċentrali huma kkonċentrati l-aktar fost popolazzjonijiet speċifiċi. Hemm evidenza li xi pajjiżi fir-reġjun qegħdin jiffukaw il-finanzjament tagħhom b'mod effettiv fuq sforzi ta' prevenzjoni fuq il-popolazzjonijiet l-aktar affettwati. Jekk dan jiżdied mhux biss jiżgura valur aħjar għall-flus iżda jwiegħed li jipproduċi rispons aktar effettiv inġenerali. Għalkemm l-iffinanzjar għar-rispons nazzjonali għall-HIV fir-reġjun qed jiġi dejjem aktar minn sorsi interni, hemm ħtieġa urġenti ta' appoġġ finanzjarju kontinwu għar-rispons għall-HIV fil-pajjiżi tar-reġjun bi dħul baxx u medju. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi sostenibbli biex jiġi pprovdut dan l-appoġġ finanzjarju jeħtieġ li jkun prijorità għall-pajjiżi kollha fir-reġjun.

Kien hemm żieda drastika fil-fondi disponibbli għar-rispons globali għall-HIV mid-Dikjarazzjoni ta' Dublin. Qabel id-dikjarazzjoni, fl-2002, ir-riżorsi disponibbli għar-rispons globali għall-HIV kien ta' 1.2 biljun dollaru Amerikan. Dawn żdiedu għal aktar minn sitt darbiet għal 7.7 biljun dollaru Amerikan fl-2008. Din iż-żieda kienet inkoraġġuta mill-Istati Uniti u minn xi pajjiżi Ewropej, kemm permezz ta' inizjattivi bilaterali kif ukoll multilaterali. Fl-2008, 40% tal-ħruġ kollu għall-għajnuna internazzjonali għall-AIDS minn pajjiżi donaturi ġie mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE), mill-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) u mill-Kummissjoni Ewropea. Minħabba l-kriżi finanzjarja globali attwali u l-prijoritajiet li jikkompetu għall-finanzjament, huwa importanti li l-pajjiżi tar-reġjun jiffaċċjaw l-isfida li jżommu u jżidu aktar dawn il-livelli ta' finanzjament u li jiżguraw li l-finanzjament jintuża bl-aktar mod effettiv.

## Prevenzjoni

Hemm evidenza qawwija li ċerti popolazzjonijiet ewlenin huma partikolarment affettwati mill-HIV fl-Ewropa u fl-Asja ċentrali. L-isfida kontinwa hija li jkun żgurat li dawn il-popolazzjonijiet ikollhom aċċess għas-servizzi ta' prevenzjoni tal-HIV meħtieġa fuq skala suffiċjenti. L-ewwel rapport dwar il-progress tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin iddikjara l-importanza tal-intensifikazzjoni u ż-żieda tal-isforzi mmirati kontra l-HIV sabiex jonqsu l-inugwaljanzi u din il-kwistjoni għadha rilevanti fir-reġjun.

Huwa magħruf sew li dawk li jieħdu d-droga bis-siringi huma partikolarment vulnerabbli għall-infezzjoni bl-HIV u dan huwa ċertament il-każ f'dan ir-reġjun. Huwa ukoll ċar li t-trasmissjoni tal-HIV fost l-IDU tista' tiġi kkontrollata jekk jingħataw servizzi effettivi fuq skala suffiċjenti biex wieħed jagħmel differenza. Miżuri ewlenin ta' skala jinkludu n-numru ta' labar/siringi mqassma lil kull IDU fis-sena u l-persentaġġ ta' IDU li jingħataw terapija ta' sostituzzjoni bl-opjojdi. Il-pajjiżi kollha jeħtieġu li jaspiraw għal-livelli għoljin tal-kopertura tal-programm li diġà nkisbu minn xi wħud.

Huwa magħruf sew ukoll li l-MSM kienu partikolarment affettwati mill-HIV f'ċerti pajjiżi u reġjuni, inklużi partijiet tal-Ewropa. L-MSM huma partikolarment affettwati mill-HIV mhux biss fil-Punent tar-reġjun, iżda hemm evidenza ukoll li huma affettwati aktar minn kemm kien rikonoxxut qabel f'partijiet oħrajn tar-reġjun. Din l-evidenza tappoġġa s-sejbiet tal-ewwel rapport dwar il-progress li hemm epidemija moħbija ta' HIV fost l-MSM. F'ċerti pajjiżi, ir-rati ta' infezzjoni fost dan il-grupp qegħdin ikomplu jikbru. Madankollu, ir-raġunijiet għal dan m'humiex ċari u jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Jeħtieġ aktar evidenza dwar dawn ir-raġunijiet u din għandha tiġi pprovduta mill-Istudju Ewropew fuq l-Internet tal-MSM (EMIS). Għalkemm m'huwiex ċar kif tista' titkejjel eżatt il-kopertura tal-programmi għall-MSM, madankollu jidher li l-kopertura għadha baxxa f'bosta pajjiżi u r-rati ta' sess anali mingħajr protezzjoni baqa' għoli b'mod mhux aċċettabbli. Hemm evidenza ukoll minn xi pajjiżi li gruppi partikolari ta' MSM—iż-żgħażagħ, dawk li jgħixu barra l-ibliet kapitali, dawk li rċevew inqas edukazzjoni u dawk li jidentifikaw irwieħhom bħala bisesswali—aktarx li inqas jintlaħqu mill-programmi kontra l-HIV.

Għalkemm il-ħaddiema tas-sess jidhru li globalment huma partikolarment f'riskju ta' infezzjoni bl-HIV, hemm inqas evidenza li dan huwa l-każ fir-reġjun. Pereżempju, ir-rati ta' prevalenza ta' HIV fost il-ħaddiema tas-sess huma relattivament baxxi f'bosta pajjiżi tar-reġjun. Madankollu, dan ma jgħoddx għall-ħaddiema tas-sess kollha. Ċerti kategoriji ta' ħaddiema tas-sess għandhom rati ogħla ta' infezzjoni bl-HIV, inklużi dawk li jieħdu ukoll id-droga bis-siringa, ħaddiema tas-sess irġiel u transesswali, dawk minn pajjiżi b'epidemiji ġeneralizzati u dawk li jaħdmu fit-triq. Fost il-ħaddiema tas-sess inġenerali, ir-rati rrappurtati ta' użu ta' kondom waqt is-sess kummerċjali huma relattivament għolja u x'aktarx rilevanti aktar minn miżuri ġeneriċi tal-għarfien tal-ħaddiema tas-sess.

Il-migranti minn pajjiżi b'epidemiji ġeneralizzati ta' HIV huma speċjalment affettwati mill-HIV. Għalkemm xi pajjiżi huma mħassba dwar gruppi oħrajn ta' migranti, hemm ftit li xejn evidenza konvinċenti li dawn il-gruppi huma sproporzjonalment affettwati mill-HIV, irrispettivament minn imġiba oħra ta' riskju bħall-użu ta' siringi għad-droga. Il-kwistjonijiet relatati mal-migranti m'humiex relatati biss mal-prevenzjoni tal-HIV iżda ukoll mal-provvediment ta' trattamenti u kura. Hemm kwistjonijiet partikolari, f'bosta pajjiżi, li jirrigwardaw l-aċċess ta' migranti mingħajr dokumenti għal servizzi essenzjali, bħat-terapija antiretrovirali (ART).

Il-priġunieri, b'mod speċjali dawk li jieħdu d-droga bis-siringa, huma ukoll vulnerabbli ferm għall-infezzjoni bl-HIV fir-reġjun. Għalkemm hemm ħtieġa rikonoxxuta li l-ħabsijiet u l-komunità jkollhom disponibbli l-istess servizzi għall-HIV, dan m'huwiex il-każ f'bosta pajjiżi tar-reġjun. Il-pajjiżi tal-UE/EFTA urew tmexxija b'saħħitha fl-għoti ta' terapija ta' sostituzzjoni bl-opjojdi fil-ħabsijiet, iżda dan l-approċċ ma ġiex segwit f'ħafna pajjiżi oħrajn tar-reġjun. Din it-tmexxija ma kinitx daqstant konsistenti fir-rigward tal-provvista ta' tagħmir għall-injezzjoni sterili fil-ħabsijiet.

Il-mistoqsija rigward kemm iż-żgħażagħ huma partikolarment vulnerabbli għall-infezzjoni bl-HIV fil-pajjiżi tar-reġjun uriet li kienet kwistjoni kontroversjali għal din l-analiżi. Ovvjament, iż-żgħażagħ ma jistgħux jitqiesu bħala grupp omoġenju fir-rigward tar-riskju ta' HIV. Madankollu, xi wħud jinsabu f'riskju sinifikanti, eż. IDU żgħażagħ u MSM żgħażagħ, u hemm xi evidenza li r-rispons permezz ta' programmi huwa inqas kapaċi li jilħaq lil dawn il-gruppi minngruppi ta' età akbar. Għalkemm aktar minn tliet kwarti tal-pajjiżi rrappurtaw li t-tagħlim dwar l-HIV huwa parti mill-kurrikulu fl-iskejjel sekondarju, huwa ta' tħassib li l-edukazzjoni komprensiva dwar is-saħħa sesswali m'hijiex disponibbli għat-tfal kollha fir-reġjun, b'mod partikolari għaż-żgħar nett, eż. fl-iskejjel primarji.

## Il-ħajja bl-HIV

Il-pajjiżi kollha li għandhom dejta dwar it-tendenzi rrappurtaw żieda fl-għadd ta' persuni li jingħataw l-ART minn meta ġiet adottata d-Dikjarazzjoni ta' Dublin. Madankollu, hemm tħassib li ħafna minn dawn il-pajjiżi bdew minn livell baxx ħafna ta' provvediment ta' trattament u dwar jekk kull minn jeħtieġ it-trattament jieħdux fil-pront. Il-kwistjoni prinċipali rigward it-twassil immedjat tat-trattament lil dawk li għandhom bżonnu m'hijiex relatata mal-għoti tat-trattament lil dawk li huma magħrufa li jeħtieġuh, eż. b'CD4 ta' < 350 cells/mm$^3$. Il-kwistjoni hija pjuttost kemm mill-PHIV fir-reġjun li jeħtieġu t-trattament m'humiex konxji mill-istatus tagħhom ta' HIV, jiġifieri ma ġewx iddijanjostikati. Id-dejta tal-ECDC għall-2008 turi li f'21 pajjiż li rrappurtaw dejta għall-għadd ta' CD4 meta saret id-dijanjosi, aktar min-nofs ta' dawk li kellhom għadd ta' CD4 kellhom għadd ta' CD 4 ta' inqas minn 350 ċellola/mm$^3$

meta ġew iddijanjostikati. Dawn iċ-ċifri huma ta' tħassib kbir għaliex jindikaw li numru sinifikanti ta' persuni fir-reġjun qegħdin jibdew l-ART aktar tard minn kemm hu rrakkomandat.

Kważi l-pajjiżi kollha (84%) jirrappurtaw li l-istigma u d-diskriminazzjoni huma indirizzati fl-istrateġiji nazzjonali jew f'oqsfa ta' azzjoni għall-HIV u l-AIDS, iżda dan m'huwiex rifless b'mod konsistenti fil-politiki u l-programmi. Hemm evidenza qawwija ukoll ta' stigmatizzazzjoni residwali u attitudnijiet diskriminatorji f'pajjiżi tar-reġjun u m'huwiex ċar kemm qegħdin jintużaw il-mekkaniżmi disponibbli kontra l-istigma u d-diskriminazzjoni. Din is-sitwazzjoni ma tjibitx b'mod sinifikanti mill-ewwel rapport dwar il-progress tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin.

## Il-monitoraġġ tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin

Wieħed mill-impenni tad-Dikjarazzjoni ta' Dublin kien li jsir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni Ewropea tat din ir-responsabbiltà lill-ECDC. Dan ir-rapport huwa l-prodott ta' proċess li nbeda mill-ECDC sabiex iwettaq din ir-responsabbiltà. Huwa bbażat fuq il-kontribuzzjonijiet ta' firxa wiesgħa ta' individwi u organizzazzjonijiet. B'mod partikolari, id-dejta fir-rapport ġiet ipprovduta md-49 pajjiż li ħadu sehem f'din ir-reviżjoni.

Tnejn mill-prinċipji segwiti matul din ir-reviżjoni kienu li jintużaw id-dejta u l-indikaturi eżistenti fejn huwa possibbli u li jkun żgurat li l-indikaturi ssorveljati jkunu rilevanti għall-kuntest tal-pajjiżi tal-Ewropa u tal-Asja ċentrali. Xi drabi, kien hemm nuqqas ta' qbil bejn dawn il-prinċipji, b'mod partikolari rigward kemm l-indikaturi u d-dejta tal-UNGASS jistgħu jintużaw għall-proċess. L-indikaturi tal-UNGASS intużaw kull fejn kien possibbli. Jekk qabel il-pajjiżi ssottomettew dejta lill-UNGASS, din intużat. Waslet dejta mingħand 12-il pajjiż li ma kienux issottomettew rapporti lill-UNGASS fl-2008. Ir-reviżjoni speċifikament ħalliet lill-pajjiżi jissottomettu dejta disponibbli għal suġġetti partikolari anki jekk din ma kinitx taqbel eżattament mal-indikaturi tal-UNGASS. Barra minn hekk, inġabret informazzjoni għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni li għalihom m'hemmx indikaturi speċifiċi tal-UNGASS, eż. priġunieri u migranti minn pajjiżi b'epidemiji ġeneralizzati. Din ir-reviżjoni tikkonkludi li jistgħu jinkisbu rati ta' rispons ta' rappurtar ogħla għall-UNGASS mill-pajjiżi tar-reġjun jekk:

- l-indikaturi jkunu aktar rilevanti għar-reġjun;
- il-benefiċċji tar-rappurtar internazzjonali jkunu spjegati aħjar;
- jonqos il-piż tar-rappurtar fuq il-pajjiżi permezz ta' proċess wieħed ta' rappurtar internazzjonali kkoordinat

Il-ħtieġa li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati mill-aktar fis possibbli dehret li kienet kwistjoni urġenti għall-pajjiżi tar-reġjun li ħadu sehem f'din ir-reviżjoni. L-ECDC huwa impenjat li jkollu rwol ewlieni fi proċess reġjonali bħal dan.

# 12 Il-pandemija A(H1N1) tal-2009 fl-Ewropa – Reviżjoni tal-esperjenza

(Ippubblikat f'Novembru 2010)

Dan ir-rapport estiż għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali wiesgħa lejn l-epidemjoloġija u l-viroloġija tal-pandemija tal-2009 fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea (UE/ŻEE) (27 Stat Membru tal-UE (SM) u n-Norveġja u l-Islanda). Tingħata informazzjoni ta' sfond rilevanti dwar l-epidemiji u l-pandemiji tal-influwenza, l-aktar rigward il-varjabbiltà u l-imprevedibbiltà tagħhom. It-tendenzi u l-informazzjoni ewlenin huma meħuda mill-analiżi u l-interpretazzjoni tad-dejta epidemjoloġika u viroloġika u minn analiżijiet oħrajn ipprovduti lis-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy) taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) permezz tan-Netwerk Ewropew tas-Sorveljanza tal-Influwenza (EISN).

Dawn id-dejta u l-analiżijiet juru li, wara li feġġ fl-Amerika ta' Fuq, il-virus pandemiku beda jiġi trasmess fl-Ewropa madwar is-16-il-ġimgħa/2009. Dan il-virus kien jissodisfa l-kriterji stabbiliti minn qabel għal pandemija fl-Ewropa kif għamel imkejjen oħra. Is-sorveljanza adattata għall-pandemija ġiet żviluppata malajr u miftiehma bejn l-ECDC u l-SM tal-UE/ŻEE, b'kontribuzzjonijiet mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u pajjiżi diġà milquta minn barra l-Ewropa. Dan kompla jibni fuq sistemi li kienu diġà jeżistu, iżda daħħal ukoll elementi ġodda sabiex tiġi osservata s-sitwazzjoni fost dawk milquta serjament mill-virus tal-pandemija. Barra minn hekk, l-għarfien dwar l-epidemija u l-metodi mmirati ta' kontroll xjentifiku intużaw sabiex minn kmieni jiġu stabbiliti parametri importanti meħtieġa għall-valutazzjonijiet informati tar-riskju, għall-aġġustamenti tal-previżjonijiet u għall-informazzjoni tal-kontromiżuri.

In-Netwerk Ewropew tas-Sorveljanza tal-Influwenza rrapporta mewġa inizjali ta' trasmissjoni fir-rebbiegħa/sajf li dehret fil-parti l-kbira tal-pajjiżi, iżda li kienet qiegħda tolqot biss lil ftit pajjiżi, l-aktar lir-Renju Unit. Ir-rata ta' trasmissjoni tbaxxiet għal ftit żmien kif daħal is-sajf, iżda mbagħad reġgħet żdiedet fil-bidu tal-ħarifa hekk kif fetħu l-iskejjel. Din id-darba laqtet lill-pajjiżi kollha, meta mewġa fil-ħarifa/xitwa dehret tgħaddi mill-Punent għal-Lvant tul il-kontinent. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjarat uffiċjalment tmiem il-pandemija fit-32 ġimgħa tal-2010.

Fil-parti l-kbira tal-pajjiżi, il-mewġa ta' infezzjoni tal-ħarifa u tax-xitwa kienet qawwija, damet madwar 14-il ġimgħa u kienet akkumpanjata minn mewġa simili ta' ammissjonijiet fl-isptarijiet u mwiet. Madankollu, kien hemm eteroġeneità fis-severità tal-marda minħabba li kienet tvarja minn post għal ieħor, anki fl-istess pajjiżi. B'kollox, il-pajjiżi tal-UE/ŻEE irrappurtaw 2900 mewt uffiċjali fl-ewwel 12-il xahar li matulhom l-SM għamlu sforzi speċjali sabiex jiġbru din id-dejta. Madankollu, huwa magħruf li dan ser ikun biss proporzjon tal-piż reali ta' mwiet minħabba l-pandemija. Kien hemm żieda ta' mwiet ġenerali fit-tfal tal-iskola. Għalkemm dan kien virus tal-influwenza li qatt ma deher qabel, l-espożizzjoni preċedenti għal virus tal-influwenza maħsub li kien antiġenikament simili u li kien jiċċirkola qabel nofs is-snin 50 assigurat li ħafna nies anzjani fl-Ewropa diġà kienu xi ftit immuni. Dan il-fatt, mhux uniku għall-pandemija tal-2009, jispjega tnejn mill-akbar differenzi tagħha mill-influwenza interpandemika, jew staġonali: il-mortalità ġeneralment aktar baxxa u l-piż relattiv ogħla milli mistenni tar-rati ta' mard u mwiet fost iż-żgħażagħ. Għalkemm ħafna anzjani dehru li kienu protetti, dawk li ma kienux kellhom l-ogħla rati ta' fatalità fost kwalunkwe grupp ta' età.

Il-virus pandemiku sposta l-virusijiet tal-influwenza A interpandemika li qabel kienu qegħdin jiddominaw fl-Ewropa; għalkemm il-virusijiet tal-influwenza B xorta waħda dehru f'livell baxx tard fl-istaġun. Numru żgħir biss ta' virusijiet pandemiċi nstabu li kienu reżistenti għal oseltamivir u minn dawn, ftit ħafna dehru li kienu kapaċi li jiġu trasmessi minn persuna għal oħra. Għalkemm il-virusijiet pandemiċi m'humiex identiċi, hemm evidenza żgħira ta' tifrix sinifikanti jew tal-emerġenza ta' varjanti ġodda dominanti sal-ġurnata tal-lum. Varjant wieħed—A(H1N1)-D222G—ġie ssuġġerit li huwa assoċjat ma' mard aktar sever, għalkemm il-kawża ma ġietx stabbilita.

Għalkemm l-evidenza aneddotali tissuġġerixxi li kien hemm aktar każijiet ħfief u mingħajr sintomi meta mqabbla mal-influwenza interpandemika, kien hemm biżżejjed każijiet tas-sindromu ta' tbatija respiratorja akuta (*acute respiratory distress syndrome* - ARDS)—kundizzjoni li rari tidher fl-influwenza interpandemika—biex ġabu taħt pressjoni s-servizzi tal-kura intensiva f'diversi postijiet. It-tfal żgħar sofrew l-ogħla rati tal-marda, u r-rapporti mill-pajjiżi urew li l-ogħla rati ta' infezzjoni kienu fit-tfal tal-iskola. Dawn ir-rati għoljin ta' mard tefgħu piżijiet partikolari fuq is-servizzi ta' emerġenza, is-servizzi pedjatriċi tal-isptarijiet u b'mod speċjali t-taqsimiet tal-kura intensiva f'ċerti postijiet.

Xi dejta limitata minn stħarriġ seroloġiku issa qiegħda ssir disponibbli u tappoġġa d-dejta ta' sorveljanza fl-indikazzjoni ta' rati ogħla ta' trasmissjoni minn dik mistennija mis-sinjali kliniċi. Madankollu, din għadha m'hijiex biżżejjed sabiex isiru previżjonijiet affidabbli rigward x'ser jiġri x-xitwa li ġejja (2010/2011), u għal dan il-għan l-esperjenza tal-pajjiżi tal-Emisfera t'Isfel li għandhom klima moderata fil-perjodu tas-sajf Ewropew tal-2010 kienet verament interessanti.

Fi stadju bikri, il-pandemija kienet ħafna inqas severa minn kemm kien maħsub. Dan kien enfasizzat fl-ewwel Valutazzjonijiet tar-Riskju tal-ECDC[6], ir-rapporti tal-WHO u l-aġġornamenti li l-ECDC ta lill-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej. B'rati baxxi ta' assenteiżmu, kien hemm ukoll impatt żgħir fuq is-servizzi barra s-settur tas-saħħa. Dan u fatturi oħrajn kien ifisser li din kienet forsi l-anqas pandemija perikoluża li l-Ewropa setgħet tistenna.

Minħabba li l-pandemija tal-2009 kienet theddida iżgħar minn dik li kienu mħejjin għaliha bosta pajjiżi, dan ittestja l-flessibbiltà tal-pjanijiet eżistenti. Din seħħet fi żmien meta t-testijiet dijanjostiċi kienu magħmula disponibbli malajr, kif kienu l-kontromiżuri farmaċewtiċi preventivi bħall-antivirali—li għandhom reżistenza żgħira għall-inibituri neuraminidase iżda kważi reżistenza totali għall-adamantanes ta' qabel—u vaċċini xierqa li kienu żviluppati aktar malajr minn qatt qabel. Madankollu, kull wieħed minn dawn l-iżviluppi ġab miegħu il-problemi u kien hemm sfidi u sorpriżi ġodda. Kif intqal qabel, kien hemm rata ogħla minn dik mistennija ta' ARDS fi żmien meta bosta taqsimiet tal-kura intensiva kienu diġà taħt pressjoni, mingħajr ma l-bqija tal-isptarijiet ikunu neċessarjament taħt stress. Sorpriża aktar sabiħa kienet li l-vaċċini pandemiċi mħejjija malajr taw rispons immunoloġiku tant tajjeb li fil-każ ta' bosta formulazzjonijiet doża waħda kienet biżżejjed fl-adulti. Urew li huma effettivi u siguri b'mod sodisfaċenti ukoll, għalkemm is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha titkompla biex ikun iddeterminat eżattament kemm huma siguri. Meta l-vaċċini saru disponibbli il-professjonisti tas-saħħa ma laqgħux it-tilqim bl-istess entużjażmu. Id-dejta ta' kopertura affidabbli fuq il-livell tal-UE għadha m'hijiex disponibbli, iżda hemm l-impressjoni li l-kopertura sejra tvarja ħafna fl-Ewropa, bi ftit pajjiżi biss jiksbu kopertura għolja fost il-popolazzjoni kollha jew il-gruppi f'riskju mmirati.

In-nuqqas ta' aċċettazzjoni ġenerali ta' dan il-vaċċin huwa parzjalment dovut għad-diffikultà tat-trasmissjoni tal-messaġġ kumpless ta' komunikazzjoni tar-riskju li essenzjalment kien jgħid lin-nies li sakemm ma kinux fi grupp f'riskju (tfal żgħar, nies b'mard kroniku u nisa tqal), il-possibbiltà ta' mard sever wara l-infezzjoni kienet baxxa ħafna. Madankollu peress li 25–30% tal-imwiet uffiċjali kienu f'nies taħt il-65 sena li qabel kienu b'saħħithom, it-tieni messaġġ kien li kien hemm riskju żgħir imma reali ta' mard sever u mewt mill-pandemija fl-adulti u t-tfal kollha b'saħħithom. L-isfidi tal-komunikazzjoni tar-riskju għalhekk kienu kbar.

Meta jitqies kollox, probabbilment ikun ġust li ngħidu li l-UE/ŻEE mexxew ir-rispons għall-pandemija pjuttost tajjeb. L-ebda pajjiż ma rreaġixxa b'mod eżaġerat, filwaqt li s-sistemi żviluppati mill-Kummissjoni, il-WHO u l-ECDC għad-diskussjoni u l-qsim tal-informazzjoni u tal-analiżijiet irriżultaw sodi u utli. Is-sorveljanza viroloġika u bbażata fuq il-kura primarja tal-EISN ħadmet tajjeb u serviet sabiex iżżid id-dejta li kienet qiegħda toħroġ mill-għarfien epidemiku tal-ECDC u mis-sorsi ta' osservazzjonijiet xjentifiċi mmirati. Ma rnexxiex daqstant il-qsim tal-analiżijiet mill-pajjiżi li ntlaqtu l-ewwel u kien b'xorti tajba li d-dejta u l-analiżijiet kienu disponibbli malajr mill-Amerika ta' Fuq u mill-Emisfera ta' Isfel. Minkejja d-diversi reviżjonijiet u l-attivitajiet meħuda mit-tagħlim li diġà għaddejjin, hemm xi tagħlimiet ġenerali li saru immedjatament apparenti:

- jeħtieġu definizzjonijiet komuni tas-severità ta' pandemija sabiex titjieb il-flessibbiltà tal-pjanijiet ta' tħejjija;
- sistemi ta' sorveljanza ta' rutina stabbiliti qabel il-pandemija jiżguraw li ikunu jeħtieġu jinbidlu ħafna inqas affarijiet fi kriżi, jew saħansitra f'pandemija;
- għandu jkun hemm sorveljanza ta' rutina aqwa tal-'limiti severi' ta' nies fl-isptarijiet u tal-imwiet;
- fil-futur, il-kondiviżjoni tal-analiżijiet mill-ewwel pajjiżi li jintlaqtu jeħtieġ li jaħdem aħjar;
- jeħtieġ li jsir ħafna xogħol, inklużi riċerka u żvilupp, biex is-seroepidemjoloġija tkun disponibbli fil-ħin reali; u
- il-bini ta' mudelli waqt pandemija għandu jkun aktar relatat mal-politika u l-operazzjonijiet fl-Ewropa kollha, mhux biss f'pajjiż wieħed jew tnejn.

L-ippjanar għall-pandemija issa jkun jeħtieġ li jkun eżaminat mill-ġdid minħabba li l-okkorrenza ta' din il-pandemija ma jeskludix il-possibbiltà li tfaqqa' pandemija oħra fil-futur qrib; pandemija H5 jew H7, pereżempju. Il-ġenerazzjoni ta' pjanijiet li jmiss teħtieġ li tinkludi aktar flessibbiltà għar-reazzjoni għal gradi differenti ta' severità u kombinazzjonijiet differenti ta' 'fatturi imprevisti magħrufa' tal-ECDC dwar il-pandemija. Dan ikun aktar fattibbli jekk jintlaħaq xi ftehim dwar viżjoni Ewropea għall-valutazzjoni tas-severità, li tqabbel il-livelli ta' rispons għal skali u karatteristiċi differenti. Dawn il-pjanijiet li jmiss għandhom jipprovdu ukoll il-konsolidazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' sorveljanza tal-influwenza introdotti sabiex jissodisfaw id-domanda fil-pandemija; b'mod partikolari, infezzjonijiet respiratorji akuti severi, mortalità attribwibbli u, eventwalment, is-sorveljanza seroepidemjoloġika. Dan ix-xogħol ta' sorveljanza jeħtieġ li jingħata prijorità, minħabba l-livell tajjeb ta' riżorsi u mbagħad għandu jitħalla jiżviluppa u jiġi ppruvat waqt il-perjodu interpandemiku biex jilħaq isir aktar flessibbli u effettiv sakemm titfaċċa xi kriżi kbira oħra.

[6] Disponibbli hawnhekk: http://ecdc.europa.eu/en/healthtopics/H1N1/risk_threat_assessment/Pages/risk_threat_assessment.aspx

# 13 Il-mixja lejn l-eliminazzjoni tat-TB – Segwitu tal-Pjan ta' Azzjoni Qafas għall-ġlieda kontra t-Tuberkolożi fl-Unjoni Ewropea

(Ippubblikat f'Novembru 2010)

## Introduzzjoni

Il-Pjan ta' Azzjoni Qafas għall-Ġlieda kontra t-Tuberkolożi fl-Unjoni Ewropea tnieda miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) fl-2008. Fuq il-bażi ta' talba mill-Kummissjarju għas-Saħħa tal-UE għall-iżvilupp ta' qafas ta' monitoraġġ b'appoġġ għall-pjan, l-ECDC issa pproduċa Segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni Qafas. L-għanijiet tas-Segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni Qafas huma: li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ambjent strateġiku attwali għall-kontroll tat-TB fl-UE u jispjega kif dan jirrelata mas-sitwazzjoni globali; u, li jiddeskrivi qafas ta' monitoraġġ epidemjoloġiku u strateġiku li jippermetti l-valutazzjoni tal-progress lejn l-eliminazzjoni tat-TB fl-UE.

## Ambjent strateġiku fil-livell Ewropew u f'dak globali

Il-livell attwali tal-epidemija tat-TB fl-UE jitlob qafas ta' monitoraġġ li huwa direttament rilevanti għall-kuntest epidemjoloġiku Ewropew u faċilment applikabbli mill-Istati Membri. Għalhekk, l-iżvilupp ta' qafas ta' monitoraġġ jeħtieġ fehim fil-fond tal-ambjent epidemjoloġiku u strateġiku li għandu jkun immonitorjat. B'hekk, dan ir-rapport ta' segwitu jipprovdi ħarsa ġenerali tal-ambjent attwali fl-UE u globalment, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' strateġija ta' kontroll komprensiva tat-TB fid-dawl tal-kuntest globalizzat tal-epidemija tat-TB.

## Il-monitoraġġ tal-Pjan ta' Azzjoni Qafas

Dan ir-rapport jipproponi għadd ta' indikaturi u miri epidemjoloġiċi u operattivi bħala parti integrali mill-qafas ta' monitoraġġ. Dawn l-indikaturi u l-miri huma kompatibbli ma' dawk diġà mmonitorjati bħala parti minn kollaborazzjonijiet globali u reġjonali eżistenti, u li ġeneralment jistgħu jinkisbu minn informazzjoni diġà miġbura u rrapurtata mill-pajjiżi. L-indikaturi ewlenin tas-Segwitu huma kollha speċifikament relatati mat-tmien oqsma strateġiċi tal-Pjan ta' Azzjoni Qafas sabiex jippermettu l-valutazzjoni tal-progress ta' kull wieħed minn dawn l-oqsma.

## Indikaturi epidemjoloġiċi

1 Tendenzi fir-rati ta' notifikazzjoni tal-każijiet
2 Tendenzi fir-rati ta' notifikazzjoni tal-każijiet MDR
3 Tendenzi fil-proporzjon tar-rati ta' notifikazzjoni bejn it-tfal u l-adulti
4 Tendenzi fl-età medja tal-każijiet ta' TB

## Indikaturi operattivi

1 Id-disponibbiltà ta' pjan nazzjonali ta' kontroll tat-TB
2 Id-disponibbiltà ta' linji gwida għall-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali ta' kontroll tat-TB
3 Il-persentaġġ ta' laboratorji ta' referenza nazzjonali tat-TB (membri tal-ERLN-TB) li jiksbu prestazzjoni adegwata fl-iskema ta' assigurazzjoni tal-kwalità esterna
4 Id-disponibbiltà ta' strateġija għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' għodod ġodda għall-kontroll tat-TB
5 Il-persentaġġ ta' każijiet ġodda ta' TB pulmonari kkonfermati permezz tal-koltivazzjoni u l-persentaġġ ta' każijiet ittestjati mid-DST għal mediċini tal-ewwel linja
6 Il-persentaġġ ta' Stati Membri li jirrappurtaw ir-rata ta' suċċess tat-trattament
7 Ir-rata ta' suċċess tat-trattament
8 Il-persentaġġ ta' pazjenti bit-TB li l-istatus tal-HIV tagħhom huwa magħruf

# Anness: Pubblikazzjonijiet tal-ECDC fl-2010

## Rapporti tekniċi

### *Mejju*
Risk assessment on Q fever

### *Ġunju*
Core functions of microbiology reference laboratories for communicable diseases

### *Settembru*
Hepatitis B and C in the EU neighbourhood: prevalence, burden of disease and screening policies

### *Ottubru*
Surveillance and prevention of hepatitis B and C in Europe

### *Novembru*
External quality assurance scheme for Salmonella typing

Evidence synthesis for Guidance on HIV testing

### *Diċembru*
Fostering collaboration in public health microbiology in the European Union

## Gwida tal-ECDC

### *Ottubru*
Public health management of sporadic cases of invasive meningococcal disease and their contacts

HIV testing: increasing uptake and effectiveness in the European Union. [Also 'In brief']

### *Diċembru*
Risk assessment guidelines for diseases transmitted on aircraft (RAGIDA). Part 2: Operational guidelines. Second edition

## Rapporti ta' sorveljanza

### *Marzu*
Tuberculosis surveillance in Europe 2008

### *Mejju*
Influenza surveillance in Europe 2008/09

### *Ottubru*
Annual Threat Report 2009

Surveillance of invasive bacterial diseases in Europe 2007

### *Novembru*
Annual Epidemiological Report on Communicable Diseases in Europe 2010

Antimicrobial resistance surveillance in Europe 2009. Annual report of the European Antimicrobial Resistance Surveillance Network (EARS-Net)

HIV/AIDS surveillance in Europe 2009

# Rapporti speċjali

### *Lulju*

Implementing the Dublin Declaration on Partnership to Fight HIV/AIDS in Europe and Central Asia: 2010 Progress Report: Summary

### *Settembru*

Implementing the Dublin Declaration on Partnership to Fight HIV/AIDS in Europe and Central Asia: 2010 Progress Report

### *Novembru*

The 2009 A(H1N1) pandemic in Europe, a review of the experience

Progressing towards TB elimination. A follow-up to the Framework Action Plan to Fight Tuberculosis in the European Union

# Rapporti ta' laqgħat

### *Jannar*

First annual meeting of the invasive bacterial infections surveillance network in Europe

### *Frar*

Expert forum on communicable disease outbreaks on cruise ships

### *Marzu*

Training strategy for intervention epidemiology in the European Union

### *April*

Second annual meeting of the European Food- and Waterborne Diseases and Zoonoses Network

### *Mejju*

Annual meeting of the European Influenza Surveillance Network (EISN)

### *Ġunju*

First annual meeting of the European Reference Laboratory Network for Tuberculosis

Expert consultation on healthcare-associated infection prevention and control

### *Lulju*

Surveillance in EU and EEA/EFTA countries

### *Diċembru*

Developing health communication research: a focus on communicable diseases—challenges and opportunities

# Rapporti dwar il-missjoni

### *Frar*

Konsultazzjoni pubblika u l-avvanz tas-sistema tas-saħħa f'Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

### *Ottubru*

West Nile virus infection outbreak in humans in Central Macedonia, Greece – July–August 2010

# dokumenti tekniċi

### *Marzu*

Climate change and communicable diseases in the EU Member States: Handbook for national vulnerability, impact and adaptation assessments

Joint European pandemic preparedness self-assessment indicators[7]

### *Settembru*

Conducting health communication activities on MMR vaccination

## Pubblikazzjonijiet korporattivi

Summary of key publications 2009

Annual Report of the Director 2009

Strategies for disease-specific programmes 2010–2013

ECDC Insight

Executive Science Update

## Pubblikazzjonijiet regolari

Weekly/bi-weekly influenza surveillance overview (42 issues in 2010)

Influenza virus characterisation, summary Europe (9 issues in 2010)

[7] Ippubblikat mill-WHO.